# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 7 ta' Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 2/2015 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illil-kontendenti żżewġu nhar il-ħamsa (5) ta' Ġunju 2004 u minn dan iż-żwieġ twieldu l-minuri Q B li għandu seba' (7) snin, S B li għandha ħames*

[1] Fol. 1.

*(5) snin, u R B li għandu tliet (3) snin.*

2. *Illi ż-żwieġ ta' bejniethom tfarrak u tkisser irremedjabilment minħabba vjolenza, swat, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut.*

3. *Illi għalhekk il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli u dan minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenut.*

4. *Illi l-partijiet ġew dibtament awtorizzati biex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat l-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena 2014 (Dok. CP 1).*

5. *Il-fatti hawn ddikjarati tafhom hi personalment.*

*Jghid ghalhekk l-konvenut għar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti;*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni minhabba vjolenza, swat, eccessi, minaccji, sevizzi, theddid u offizi gravi, fost affarijiet ohra validi fil-Ligi, kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-esponenti u konsegwentament tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;*

2. *Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Q, S u R f'idejn l-esponenti;*

3. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut lill-esponenti għaliha u għall-imsemmija minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jilħqu l-eta' ta' 23 sena, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benficcju li qed jippercepixxi u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja, filwaqt li tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

4. *Tordna lil konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri sakemm huma qeghdin jistudjaw;*

5. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-konvenut, u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

6. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex flimkien mal-minuri tirrisjedi fid-dar matrimonjali li tinstab 45, Jamican Sun, Triq il-Marlocc, Ħaz-Zabbar;*

7. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif mahsuba fl-Artikolu 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tapplika kontrih interament jew in parte d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

8. *Tikkundanna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-esponenti il-beni kollha parafernali taghha;*

9. *Tappunta kuratur sabiex jirrapprezenta lill-konvenut fl-eventwali kontumacja tieghu fuq l-att ta' divizjoni relattiva f'jum u hin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

10. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreverti għal kunjom xbubitha, E;*

11. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez u imghax, inkluz l-Mandat ta' Deskrizzjoni, kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet imma ma jaqbilx li huwa ghandu jigi addebitat tort ghal ksur taz-zwieg ta' bejn il-partijiet. Illi kienet l-attrici martu li rrendiet ruhha hatja kontra l-esponent ta' adulterju, eccessi, minaccji, sevizzi, teddid u offizi gravi li rrendew il-konvivenza matrimonjali ta' bejn il-partijiet imposibbli;*

2. *Illi l-esponent ma jaqbilx mat-tieni talba tal-attrici u jirrispondi li l-kura u kustodja tat-tlett it-tfal minuri tal-partijiet ghandha tibqa' kongunta bejniethom;*

3. *Illi f'dak li jirrigwarda t-tielet talba l-esponent jopponi li jhallas manteniment ghal mara personalment stante li hija dekadiet mid-dritt li titlob manteniment ghaliha personalment u wkoll sussidjarjament peress li hija kapaci tahdem sabiex tmantni lilha innifisha. Illi f'dak li jirrigwarda l-manteniment ghat-tfal l-esponent jissottometti li filwaqt u ma jopponix li jhallas manteniment ghal uliedu u jissottometti li tali manteniment kif likkwidata minn dina l-Onorabbli Qorti ghandu jirrifletti l-introjtu tieghu u l-bzonnijiet bazici tieghu kif ukoll jittiehed in konsiderazzjoni l-kontribut li l-attrici hija obbligata li taghti versu l-manteniment ghal ulied skont il-ligi. Illi l-esponenti qed jopponi li l-manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tieghu u dan stante li ma hemm ebda raguni ghaliex tali ordni tigi fis-sehh. Illi l-esponent qed jopponi li l-Qorti tiddikjara li huwa ddekada mid-dritt tieghu li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-esponenti;*

4. *Illi r-raba' talba qed tigi opposta illi l-manteniment kif likwidat ghandu jinkorpora l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;*

5. *Illi f'dak li jirrigwarda l-hames talba l-esponent jiddikjara li huwa jaqbel li tigi xolta u terminata l-kommunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dan li ghandhom jingiebu lura mill-attrici dawk l-effetti kollha li hija hadet arbitrarjament wara li telqet mid-dar matrimonjali;*

[2] Fol. 63.

6. *Illi s-sitt talba qed tiġi opposta. Illi preiminarjament ma jezistux l-estremi sabiex tali ordni tigi akkolta. Illi inoltre l-esponent la ghandu post iehor fejn joqghod u lanqas ma ghandu l-mezzi sabiex jikri filwaqt li l-attrici li telqet mid-dar matrimonjali ghandha post adegwat fejn toqghod;*

7. *Illi l-esponent qed jopponi ghas-seba' talba tar-rikors guramentat stante li huwa ma huwiex responsabbli ghal ksur taz-zwieg tal-kontendenti;*

8. *Illi t-tmien talba qed tigi opposta stante li l-esponent ma ghandu ebda beni parafernali tal-attrici fil-pussess tieghu;*

9. *Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghad-disa' talba;*

10. *Illi l-esponent ma jopponix li l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' E;*

11. *Illi l-hdax-il talba ma hijiex opposta;*

12. *Illi l-esponent qed jopponi ghal ispejjez kollha ta' din il-procedura.*

13. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 935 tas-sena 2004;[3]

Rat id-digriet tal-1 ta' Diċembru 2014,[4] fejn *inter alia* l-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet jipprċedu bil-kawża legali fit-terminu mpost mil-liġi;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Anna Mallia,[5] u sussegwentament sostitwita b'Dr Abigail Critien,[6] ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

---

[3] Fol. 8.
[4] Fol. 6.
[5] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza tat-3 ta' Marzu 2015, a fol. 66.
[6] Maħtura għal tali fini nhar l-udjenza ta't-3 ta' Mejju 2017, a fol. 1192.

Rat is-sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi, fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-attriċi kif dedotta fir-rikors tagħha tat-2 ta' Marzu 2018 u ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-konjuġi B;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet premessi datata 24 ta' Ottubru 2019,[7] fejn ikkonfermat fl-intier tagħha s-sentenza ta' din il-Qorti fir-rigward tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;

Rat l-atti tal-medjazzjoni li ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna permezz ta' digriet datat 22 ta' Ġunju 2016;[8]

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

[7] Fol. 46 tal-proċess tal-Appell Numru 2/2015.
[8] Fol. 656.

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ, filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut *in toto* jew *in parte* d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li jiġi dikjarat li l-konvenut tilef id-dritt tiegħu li jitlob u jipperċepixxi manteniment minn għandha;

3. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Q, S u R, aħwa B, esklussivament f'idejn l-attriċi;

4. Tillikwida u takkorda manteniment adegwat għaliha nnifisha li għandu jkun imħallas mill-konvenut;

5. Takkorda manteniment għal minuri, kif ukoll tordna lil konvenuta sabiex iħallas l-ispejjeż kollha relatati mas-saħħa u edukazzoni tal-minuri, liema manteniment jawmenta kull sena skont l-għoli tal-ħajja u għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u/jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut;

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti, filwaqt li tinnomina nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;

7. Tordna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi l-beni kollha tagħha parafernali;

8. Tawtorizza lill-attriċi tgħix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal, u dan ad esklużjoni tal-konvenut;

9. Tawtorizza lill-attriċi tirriverti għal kunjom xbubitha, ossija *'E'*.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attriċi, iżda joġġezzjona għal maġġoranza tagħhom, fosthom ir-responsabbilita' għat-tifrik taż-żwieġ, l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet, kif għandha tkun vestita l-kura u kustodja tal-minuri, manteniment għall-attriċi, ħlas tal-ispejjeż relatati mas-saħħa

u edukazzjoni tal-minuri, id-dritt tal-attriċi li tirrisjedi fid-dar matrimonjali u r-radd lura ta' beni parafernali lill-attriċi.

## 2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Konvenut:*

L-attriċi xehdet permezz ta' affidavit,[9] fejn tgħid li l-partijiet iltaqgħu f'Diċembru 1999 u għamlu ħames (5) snin għarajjes. Matul l-għerusija, l-attriċi kienet taf bit-tfulija, trobbija u passat tal-konvenut. Tispjega li dak iż-żmien ma kienx jaħdem, u kellu ukoll l-problemi tal-azzard u d-dejn, tant li l-attriċi tallega li ġieli ħalsitlu pagamenti tal-karozza Fiat Regata u l-kera tal-appartament, filwaqt li kienet tgħinu jegħleb il-vizzju li kellu. Wara sena għarajjes, l-attriċi marret tgħix miegħu, u hemmhekk saret taf li l-konvenut kien aggressiv u vjolenti. Kull meta kienet tipprova tiftaħlu għajnejh sabiex ifittex l-għajnuna dwar il-vizzju tal-logħob, huwa kien jispiċċa jsir aggressiv u jerfa' jdejh fuqha. Minħabba li kienet tibqa' tinsiti miegħu sabiex iwaqqaf il-vizzju, l-attriċi tgħid li mhux l-ewwel darba ma ridiex tidħol lura fil-*flat* li fih kienu jgħixu. Magħdud ma' dan tgħid illi kemm-il darba l-konvenut kien iħebb għaliha quddiem in-nies. L-attriċi tgħid ukoll li l-konvenut kien ukoll jisforza ruħu fuqha sesswalment, u meta kienet tirrifjuta, kienet tispiċċa tiġi msawtha. Jingħad ukoll li l-konvenut kien ukoll vjolenti ma' ommu.

Jingħad li l-attriċi kienet tispiċċa titħassar lil konvenut minħabba l-mod kif trabba u għalhekk kienet tispiċċa taħfirlu bit-tama li xi darba jinbidel. Għalhekk l-attriċi tgħid li żżewġet lil konvenut fl-2004 u marru jgħixu fid-dar matrimonjali mixtrija minnhom stess. Fiż-żwieġ l-affarijiet ma nbidlux, u l-konvenut baqa' vjolenti u aggressiv fil-konfront tal-attriċi. Konsegwentament l-attriċi ħarġet tqila f'Ġunju tal-2006, u fl-istess perjodu ħabiba tagħha, ċertu T, kienet infurmata li l-konvenut pprova jkollu x'jaqsam magħha, liema allegazzjoni kienet innegata mill-konvenut. Madanakollu wara l-konvenut kien kellem lil T fuq il-mezzi soċjali u jheddidha biex ma titkellimx. L-istess kien ġie allegat mill-mara ta' ħu l-konvenut, fejn din kienet qalet li l-konvenut pprova jmissha b'mod indiċenti u jgħidilha kliem vulgari. Is-sitwazzjoni bejn il-partijiet ikkalmat meta twieled il-wild il-kbir tal-partijiet, iżda ftit xhur wara kien waqaf jaħdem, jirreġistra għax-xogħol filwaqt li jqatta' l-ġranet il-każin jew għand sħabu. Għalhekk bdew mill-ġdid l-argumenti bejn il-partijiet u l-attriċi bdiet turi lil konvenut li kienet imxebba bl-għaġir tiegħu, u kull darba li kien ikollha x'taqsam miegħu kienet tkun ta'

[9] Fol. 1656.

bilfors. Madanakollu kienet ħarġet tqila bit-tieni wild f'Awwissu 2008. Meta twieldet it-tieni tarbija, l-attitudni tal-konvenut baqgħat l-istess u qatt ma wera nteress fit-trobbija ta' uliedu, hekk kif dejjem tħalla kollox f'idejn l-attriċi.

Il-konvenut ma kienx kapaċi jikkontrolla lilu nnifsu quddiem it-tfal, u kemm-il darba kien jispiċċa jidgħi, jgħajjat, isabbat u jaġixxi b'mod irresponsabbli quddiemhom. Madanakollu jingħad li kien jilgħab magħhom, imma lil bintu kien iwarrabha u ma kienx kapaċi jiqfilhom meta jagħmlu xi ħaġa ħażina. Sussegwentament fis-sena 2010, l-attriċi tgħid li kienet għamlet kuntatt mal-Aġenzija Appoġġ, fejn kienet in kuntatt ma *social worker* fejn kienet infurmatha b'dak kollu li kienet għaddiet minnu kif ukoll dak li kienet għadha tgħaddi minnu fil-preżent. Fl-istess sena kienet inqabdet tqila bit-tielet tarbija, u għalhekk l-attriċi kienet ferm inkwetata stante li s-sitwazzjoni li kienu fiha ma kienetx daqshekk feliċi. Fil-fatt kienet infurmat lil konvenut li ħadet parir legali, u l-konvenut kien ħadha bi kbira tant li kien qalilha li kien lest li jikkommetti suwiċidju. Għalhekk l-attriċi marret tgħix għand il-ġenituri tagħhha, u l-konvenut kien għamel madwar xahar l-isptar. Għalkemm l-attriċi kienet bdiet il-proċeduri ta' medjazzjoni, hija kienet sfat biex temmet kollox stante li l-konvenut kien qed jieħu l-għajnuna u marret lura d-dar.

Dak iż-żmien il-konvenut kien ikkalma u beda jipprova jirranġa l-attitudni tiegħu. Wara ftit żmien li twieled l-iżgħar wild, il-konvenut waqqaf l-għajnuna u reġa' beda bil-vizzji li kellu. Ir-relazzjoni kull ma jmur bdiet tmur għall-agħar u reġa' beda jkun aggressiv fil-konfront tagħha, u din id-darba ukoll fil-konfront tat-tfal. Il-ħajja sesswali kienet kważi waqfet għal kollox tant kemm kienet waslet biex umbratu minħabba l-attitudni tiegħu, u kien hemm drabi fejn kien reġa' jisofrza ruħu fuqha. Minħabba l-atti vjolenti, l-attriċi tgħid li saret iktar anzjuża u bdiet tieħu l-*anti-depressants*. Meta ġiet fuq saqajha mill-ġdid, infurmat lil konvenut li riedet tibda l-proċedura għas-separazzjoni u reġa' beda jara kif ħa jirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Madanakollu s-sitwazzjoni xorta baqgħat tiggrava. Il-konvenut beda jaħseb dejjem ħażin fl-attriċi u jivvessaha, tant li kien hemm drabi fejn bdiet tibża' toħroġ.

Sabiex tikkorrabora l-verżjoni tagħha, l-attriċi resqet is-segwenti provi:

a. *<u>L-affidavit ta' G H E, ossija omm l-attriċi, debitament maħluf u ppreżentat nhar it-8 ta' Marzu 2019</u>*,[10] li kkonfermat il-verżjoni ta' bintha;

[10] Fol. 1685.

b. *Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, a favur l-attriċi*, maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Frar 2015;

c. *Ix-xhieda ta' L Y in rappreżentanza tal-iSptar Mater Dei*,[11] fejn ippreżenta kopja tal-*file* mediku tal-attriċi;[12]

d. *Ix-xhieda ta' X Y in rappreżentanza tad-Domestic Violence Unit fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[13] fejn tikkonferma li ilha taf lill-attriċi mill-14 ta' Diċembru 2010 stante li din kienet l-ewwel darba li għamlet kuntatt mal-Aġenzija, u minn dakinhar ix-xhud bdiet tieħu ħsieb il-każ tal-attriċi u għadha tagħmel dan sal-preżent. Għal tali fini ppreżentat in-notamenti tagħha,[14] fejn jidher li l-attriċi allegat każ ta' abbuż fiżiku, emozzjonali u finanzjarju da parti żewġha

e. *Ix-xhieda ta' M K in rappreżentanza tal-iSptar Mater Dei*,[15] fejn ippreżentat kopja tal-*file* mediku tal-konvenut;[16]

f. *Ix-xhieda ta' O F* tal-konvenut, u ċjoe': (i) rendikont ta' kemm-il darba l-konvenut daħal l-isptar,[17] (ii) *case summary* ta' meta daħal u ħareġ,[18] (iii) *discharge letter*,[19] u (iv) *incident report* ta' meta l-konvenut ħarab mill-isptar;[20]

g. *Ix-xhieda ta' J C in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[21] fejn ippreżenta l-fedina penali tal-konvenut;[22]

h. *Ix-xhieda tal-iSpettur J B*,[23] fejn ippreżenta 52 rapport kollha li għamlet l-attriċi fil-konfront tal-konvenut sa mill-2000;[24]

---

[11] Fol. 660.
[12] Fol. 669 – 814.
[13] Fol. 1083.
[14] Fol. 1086.
[15] Fol. 1083.
[16] Fol. 839 – 1082.
[17] Fol. 1186a.
[18] Fol. 1187.
[19] Fol. 1189.
[20] Fol. 1190.
[21] Fol. 1409.
[22] Fol. 1412 – 1417.
[23] Fol. 1409.
[24] Fol. 1418 – 1537.

i. *Ix-xhieda ta' Dr A A in rappreżentanza tad-Direttur tal-Qrati Ċivili u Tribunali*,[25] fejn ippreżentat żewġ dokumenti: (i) tal-lista tal-kawżi ċivili kontra l-intimat,[26] (ii) lista tal-mandati kontra l-intimat,[27] u (iii) lista tal-kontro-mandati;[28]

j. *Ix-xhieda ta' H V C in rappreżentanza tal-iSptar Mater Dei*,[29] fejn ippreżentat il-*file* mediku kollu tal-intimat;[30]

k. *Ix-xhieda ta' L A bħala social worker in rappreżentanza tal-Aġenzija Appoġġ Domestic Violence Services Unit*,[31] fejn ippreżentat il-*file* relattiv tal-intimat, fejn kien ġie *self-referred*, u tisħaq li l-konvenut kien *"ammetta li ma trattax lil mara sew dak iz-zmien u qalli li kien imur il-kazin, iqatta' hafna hin fuq l-X-Box u lil mara ma kienx itiha hin u attenzjoni"*. Tispjega ukoll li l-konvenut kien distrutt emozzjonalment u s-sessjonijiet li kienu jsiru kienu *supportive sessions*, u kellu ukoll *sucidial aliemations*. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma illi l-intimat kien bħal donnu qed jistenna li titilqu martu għax ma kienx żamm kelmtu li jinbidel magħha, u kien ammetta ukoll l-*emotional abuse* iżda tgħid li qatt ma semma *physical abuse*.

l. *Ix-xhieda ta' M E in rappreżentanza ta' Sedqa*,[32] li ddikjara li ma sab xejn fuq l-intimat fir-*records* tagħhom;

m. *Ix-xhieda ta' R V in rappreżentanza tal-iSptar Monte Carmeli*,[33] fejn ippreżenta dokument mhejji minnu stess fuq l-intimat stante li kien is-*social worker* tiegħu.[34] Jgħid li ġieli tkellem mal-attriċi, fejn iddiskutew l-problemi ta' bejniethom, in-nuqqas ta' komunikazzjoni u l-problema tan-logħob. Jikkonferma li ilu ma jara lill-intimat għal snin twal;

n. *Ix-xhieda tal-intimat in subizzjoni*,[35] fejn jgħid li qiegħed jaħdem ma' Medasia Cabs bħala *taxi driver*. Jikkonferma li l-karozza VW Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni ma għadhiex għandu iżda tinsab għand ċertu F G u dan mingħajr flus. Filwaqt li jgħid li ma għandux idea dwar il-vettura Fiat

[25] Fol. 1583a, 1621.
[26] Fol. 1587.
[27] Fol. 1588.
[28] Fol. 1625 – 1632.
[29] Fol. 1582a.
[30] Fol. 1597 – 1599.
[31] Fol. 1583b.
[32] Fol. 1708.
[33] Fol. 1713.
[34] Fol. 1717.
[35] Fol. 1741.

Uno. Fir-rigward tal-*istatement* bankarju bin-numru 40015901125 intestat f'isem l-attriċi, l-intimat jgħid li f'dan il-kont kienet tidħol il-paga tiegħu, u kull transazzjoni għal BWIN.COM u POS Betfair, kienet tkun minnu, filwaqt li ma għandx idea dwar dawk għal PKRSER.COM, iżda jgħid li l-attriċi kienet tagħmel transazzjonijiet fuq tombla u *gambling* tan-numri;

o. *Il-konvenut in kontro-eżami*,[36] jgħid ili Alf Mizzi and Sons, G L D, C G u Maltaco kellhom mandat kontra tiegħu, u bil-bejgħ tad-dar matrimonjali dawn tħalsu kollha. Jikkonferma li l-aħħar li ħallas manteniment kien fi Frar 2021, Jikkonferma li apparti li għandu jagħti lil A ma għandu dejn ma ħadd iktar.

*Il-Verżjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet Attribwiti lill-Attriċi:*

Il-konvenut xehed permezz ta' affidavit,[37] fejn ikkonferma li sar jaf lil A meta kienet toħroġ ma' ħabib tiegħu, u dawn wara ftit bdew relazzjoni flimkien. Spiċċaw biex iżżewġu u kellhom tlett (3) itfal. Jispjega illi l-attriċi kienet sofriet minn *depression* wara li twieled l-ewwel wild u anke qabel ma twieled l-aħħar wild, kif ukoll jgħid li l-attriċi meta kienet għadha żgħira kellha relazzjoni intima ma' ħuha u oħra ma' kuġin tagħha. Jispjega illi huwa dejjem ħadem, hekk kif: (i) mill-1999 sa 2022 kellu bar, (ii) mill-2002 sa 2007 kellu ħanut *take-away* ġewwa San Ġwann, (iii) mill-2009 sa 2012 ħadem il-Freeport, (iv) sa 2014 ħadem ma' Tax-Xatt, fejn kellu jieqaf minħabba li kien dipress wara li telqitu l-attriċi.

Il-konvenut jgħid illi bejn Settembru u Ottubru 2014 kellu suspett li A ma kienetx fidlia lejh, u nduna li kienet qiegħda tikkomunika ma' rġiel oħra, hekk kif fl-affidavit isemmi numru ta' rġiel li ħarġet magħhom l-attriċi. Saħaq ukoll li l-attriċi ma riditx iktar relazzjonijiet intimi miegħu. Jispjega li nhar is-17 ta' Jannar 2015 kien qabad lil A fit-3.30 ta' filgħodu f'karozza ma' raġel ta' nazzjonalita' Taljana f'pożizzjoni intima u spiċċaw fi ġlieda. Kien ukoll ħadilha l-*mobile* u sabilha messaġġi mibgħuta lil ċertu Alan, fejn wieħed mill-messaġġi kien ifisser li kellha relazzjoni intima miegħu. Mill-*mobile* kien ra li l-attriċi kienet tibgħat lil numru ta' rġiel li fihom kien hemm kliem oxxen, doppju sens u kliem relatat mas-sess u droga.

Huwa jispjega li huwa qatt ma ħalla lill-attriċi u t-tfal neqsin minn xejn, u għalkemm l-attriċi qatt ma ħadmet hija dejjem amministrat il-flus. Iżda darba

[36] Fol. 2345.
[37] Fol. 2116.

minnhom, wara li kien qabad lill-attriċi titkellem fuq il-*mobile* ma' Alan, huwa mar jirraportaha l-Għassa tal-Pulizija, u wara li rritorna lura d-dar la sab lil A u lanqas lit-tfal, hekk kif dawn marru għand omm l-attriċi u bdiet proċeduri legali għal firda personali.

a. *Kopja ta' korrispondenza bejn X Z u l-attriċi*,[38] bi kliem doppju sens, u fil-ġenb jidher li l-attriċi kienet tkellem ukoll rġiel oħra fosthom TG, LD , P V, L D,F V, S B u WQ;

b. *Kopja ta' korrispondenza bejn A D u l-attriċi*;[39]

c. *Ix-xhieda ta' V X*,[40] fejn jikkonferma li huwa xtara l-fond matrimonjali tal-partijiet li kien ġebel u saqaf, bi kċina imkisra u kamra tal-banju mwaħla;

d. *Ix-xhieda ta' Q W*,[41] fejn tikkonferma li xtrat l-fond matrimonjali tal-partijiet għal prezz ta' €154,000. In kontro-eżami, ix-xhud tgħid li dakinhar tal-bejgħ tal-fond kienet rat xeni koroh ħafna ta' simboli staniċi bi *spray* aħmar mal-art u mal-ħajt;

e. *Ix-xhieda ta' J C (RPC 3141) in rappreżentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija*,[42] fejn ippreżentat rapport wieħed datat 8 ta' Frar 2017,[43] magħmul mill-konvenut fejn irraporta li l-bieb tad-dar matrimonjali sabu żgassat;

f. *Ix-xhieda tal-psikologa D V*,[44] li tispjega li ilha taf lil konvenut sa mit-30 ta' Marzu 2021 fejn kienet issegwih meta kien hemm *treatment order* li bdiet mill-11 ta' Settembru 2020. Ix-xhud tippreżenta rapport datat 7 ta' Frar 2022 fejn ġie ddikjarat li tterminat l-inkarigu mogħti lilha fil-proċeduri Kriminali,[45] fejn ġie rrakkomandat li l-konvenut ikollu l-għajnuna neċessarja minn ħaddiema soċjali sabiex jindirizza l-problema tal-aċċess. Ix-xhud preżentat ukoll in-notamenti personali tagħha.[46] Jingħad li l-problema tal-konvenut kienet li kellu stress biex ifittex xogħol minħabba problema finanzjarja u l-fatt li ma kienx qed jara lit-tfal, fejn huwa attenda regolarment

---

38 Fol. 2122, 2123.
39 Fol. 2124.
40 Fol. 2156.
41 Fol. 2157.
42 Fol. 2173.
43 Fol. 2181.
44 Fol. 2209.
45 Fol. 2212.
46 Fol. 2213 – 2216.

għas-sessjonijiet, kompla jsegwi t-trattament u dejjem talab sapport meta kellu bżonn, tant li llum m'għadx għandu bżonn ta' psikologa.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[47] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[48] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[49] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem*

[47] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[48] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[49] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[50] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[51] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[52]*; Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[53]

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Jidher li l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Ġuju 2004, minn liema żwieġ twieldu tlett (3) itfal, ċjoe' Q, S u R, aħwa B. Sfortunatament il-partijiet irriskontraw problemi fil-ħajja konjugali li wasslu għall-isfaxximent tal-istess, bir-riżultat li l-attriċi sfat sabiex bdiet il-proċeduri odjerni kontra l-konvenut, fejn tisħaq illi ż-żwieġ sfaxxa minħabba vjolenza domestika, aggressjoni, vizzju tal-logħob, u nuqqas ta' interess fit-trobbija tal-ulied, li flimkien skont l-attriċi taw lok għal separazzjoni personali abbażi ta' dawk il-kriterji elenkati f'Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha, hija tara li l-attriċi rnexxielha tipprova illi l-konvenut huwa bndiedm aggressiv, demmu spont, fejn f'ċertu istanzi jaf ikun vjolenti ukoll. Magħdud ma' dan, l-attriċi rnexxielha ukoll tipprova illi l-konvenut kellu l-vizzju tal-logħob, li minħabba tali spiċċa sabiex poġġa lil familja f'dejn konsiderevoli u *di piu'* kien iqatta' l-ħin tiegħu l-każin jew jilgħab *online* minnflok iqatta' ħinu ma' familtu. Il-Qorti tispjega li l-aspett

[50]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[51]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[52]**Genoveffa Magri vs. C Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[53]**L Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

aggressiv u vjolenti tal-konvenut, kif ukoll it-theddid u l-immolestar tiegħu ġie ppruvat permezz: (i) tar-rapporti magħmula mill-attriċi kontra l-konvenut mal-Pulzija fuq medda ta' 23 sena, (ii) ix-xhieda ta' M mit-taqsima tad-*Domestic Violence Unit* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, fejn kkonfermat il-verżjoni tal-attriċi li l-ewwel kuntatt tagħha mal-Aġenzija kien seħħ fis-sens 2010 fejn ġie allegat abbuż fiżiku, emozzjonali u finanzjarju, (iii) tal-fedina penali tal-konvenut li tistabbilixxi r-reati kollha li tagħhom il-konvenut instab ħati matul iż-żmien, u (ii) l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa mill-Qorti Kriminali kontra l-konvenut u a favur l-attriċi fis-16 ta' Frar 2015, u oħra minn din il-Qorti maħruġa nhar it-30 ta' Ġunju 2018. Dawn il-provi ma jħallu l-ebda dubju f'din il-Qorti illi l-konvenut huwa persuna ta' demmu spont fejn xi drabi l-aggressjoni tinbidel fi vjolenza, liema attitudni ma tirriżultax biss mal-attriċi iżda ukoll ma' terzi persuni. Fir-rigward tal-vizzju tal-logħob u d-dejn ikkawżat, jirriżulta li dawn ġew ippruvati permezz: (i) tax-xhieda ta' R, fejn saħaq li kellem liż-żewġ partijiet sabiex jiddiskutu, *inter alia*, l-vizzju tal-logħob tal-konvenut, (ii) ix-xhieda tal-intimat innifsu fejn ammetta illi jilgħab *online*, u (iii) il-lista tal-mandati u kontro-mandati kontra l-konvenut.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tkompli tikkonvinċi ruħha illi ż-żwieġ tal-partijiet tkisser minħabba l-attitudni tal-konvenut permezz tax-xhieda ta' X, *social worker* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ, fejn iddikjarat li l-konvenut kien ammetta magħha *"li ma trattax lil mara sew dak iż-żmien u qalli li kien imur il-każin, iqatta' ħafna ħin fuq l-X-Box u lil mara ma kienx itiha ħin u attenzjoni"*, kif ukoll li l-konvenut ma kienx sorpiriż li l-attriċi kienet filfatt ser ttemm ir-relazzjoni miegħu hekk kif huwa stess ammetta li ma żammx kelmtu magħha, kif ukoll li kien abbuża minnha emozzjonalment.[54] Il-Qorti tara li ma għandhiex ma temminx din ix-xhieda, hekk kif l-istess ma ġietx kontradetta mill-konvenut.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tarax illi dak vvantat mill-konvenut ġie minimament ippruvat, ossija illi l-attriċi kellha ukoll kwistjoniet passati turbolanti, fejn kellha relazzjoni intimi kemm ma' ħuha kif ukoll ma' kuġinuha. Magħdud ma' dan, għalkemm jidher li l-attriċi kienet fil-fatt f'xi żmien qiegħda tikkomunika ma' numru ta' rġiel differenti, il-Qorti tara illi l-konvenut ma ressaqx prova taż-żmien meta dan kien qed isir. Għalhekk, il-Qorti ma tistgħax tasal għal konklużjoni illi ż-żwieġ tkisser minħabba l-attitudni tal-attriċi, fis-sens illi din kienet adelturuża fil-konfront ta' żewġha.

[54] Fol. 1583b.

Għaldaqstant, il-Qorti meta rinfaċċjata bil-provi surreferiti, ma tistax ma temminx il-verżjoni attriċi. Fid-dawl ta' dan, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lill-konvenut ħati ta' moħqrija, theddid u nġurji gravi.

## 3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, l-konvenut instab ħati ta' moħqrija, theddid u nġurji gravi, u għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni huwa xieraq illi s-sanzjonijiet għandhom jiġu applikati *in toto* fil-konfront tal-konvenut.

## 4. Manteniment għall-Attriċi:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ u ġialadarba l-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut ma għandu l-ebda dritt għal manteniment minn għand l-attriċi. Madanakollu u min-naħa l-oħra, ġialadarba l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-konvenut, l-attriċi jibqala' l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-*

*kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom".*[55]

Għaldaqstant fil-każ odjern kien jinkombi fuq l-attriċi l-oneru li tressaq il-provi rigward il-ħtiġijiet u d-dħul rispettiv tal-partijiet ġialadarba resqet talba għall-manteniment. Dan ifisser li l-attriċi kien jeħtieġilha illi tistabbilixxi: (i) l-introjtu tal-partijiet, (ii) prova li l-introjtu tagħha ma huwiex suffiċjenti tenut kont tal-elenku tal-ħtiġijiet tagħha, u (iii) raġuni suffiċċjenti għaliex qiegħda tippretendi li titħallas manteniment fix-xahar minngħand il-konvenut. Il-Qorti tara li f'dan il-kuntest, l-attriċi resqet biss prova tal-introjtu tal-partijet.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi <u>fil-preżent</u>, l-attriċi ma jeħtiġilhiex tiġi mantenuta mill-konvenut, u dan fid-dawl tal-fatt illi: (i) l-attriċi għad għandha 40 sena u b'hekk il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li għadha tinsab f'eta' li tista' ssib xogħol u tkun finanzjarjament indipendenti, (ii) mill-atti ma rriżultax li l-attriċi għandha xi impediment milli taħdem speċjalment hekk kif uliedha ormai bdew jitfarfru, u (iii) matul il-kawża odjerna, permezz ta' digriet datat 5 ta' Ottubru 2020,[56] il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tiegħu tad-9 ta' Settembru 2020,[57] u rrevokat u ħasret *contrario imperio in parte* d-digriet tal-1 ta' Diċembru 2014 fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi stante illi l-attriċi tista' liberament tfittex xogħol;

Għaldaqstant il-Qorti f'dan l-istadju, u *rebus sic stantibus,* ma tarax li l-attriċi għandha tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut. Madanakollu u fi kwalunkwe l-każ, il-Qorti tikkjarifika li minkejja tali ordni, dan ma għandux ifisser li l-attriċi qiegħda b'xi mod titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstringu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment.

## 5. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:

[55] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.
[56] Fol. 2061.
[57] Fol. 2040.

Miż-żwieġ bejn il-partijiet twieldu tlett (3) itfal, u ċjoe' Q B mwieled nhar it-18 ta' Frar 2007 u b'hekk għandu sittax-il (16) sena, S B mwielda nhar is-7 ta' Marzu 2009 u b'hekk għandha erbatax-il (14) sena, u R B mwieled nhar l-1 ta' Mejju 2011u b'hekk għandu ħdax-il (11) sena.

*Provi Mresqa mill-Partijiet f'dan ir-Rigward:*

F'dan ir-rigward, il-partijiet resqu diversi provi u dan in vista tal-fatt li l-kwistjoni tal-aċċess kienet kwistjoni dibattuta ferm fil-mori tal-kawża.

a. L-attriċi resqet is-segwenti provi:

i. *Ix-xhieda ta' P Ci bħala counsellor u in rappreżentanza tal-iskola primarja taż-Żejtun,*[58] li tikkonferma li ilha taf lil ulied il-partijiet mill-2015 stante li dawn kienu jattendu għal sessjonijiet għandha, fejn qatt ma jsemmu lil missierhom, iżda dejjem lil ommhom. Tispjega li l-minuri jibżgħu li jiġri xi ħaġa lil ommhom, u jibkuha ħafna sakemm ikunu l-iskola. Q baqa' jippersisti li ma jridx jara lil missieru, u għamel żmien fejn kien jitkellem fuq *'death wishes'*;

ii. *Ix-xhieda ta' P V bħala psikoterapista,*[59] fejn tispjega illi --ġiet riferuta mill-iskola għaliex ma ridietx toqgħod fil-klassi, kienet konfuża u anzjuża ħafna. It-tifla kienet tkun ċara ħafna illi kienet tkun imbeżża ħafna, kellha problema biex torqod u biex tikkonċentra fil-klassi. Konsegwentament bdiet tikkalma, iżda reġgħet saret anzjuża meta bdiet tara lil missierha bis-superviżjoni, u kienet tgħid lix-xhud li ma ridietx tmur bilfors għall-aċċess, u li tieħu rigal minngħand missierha. Fil-fehma tax-xhud, it-tifla ma hijiex lesta li jkollha kuntatt ma' missierha minħabba xeni li jkunu jseħħu d-dar;

iii. *Ix-xhieda ta' SS in rappreżentanza tal-iSkola Primarja taż-Żejtun A,*[60] li jispjega li rigward R B ma hemm l-ebda kwistjonijiet u l-attendenza hija regolari;

iv. *Ix-xhieda ta' EP in rappreżentanza tal-iSkola Primarja taż-Żejtun B,*[61] fejn jiddikjara li kemm Q u anke Kaylie għandhom numru ta' diffikultajiet. Fir-

[58] Fol. 1114, 1708.
[59] Fol. 1603.
[60] Fol. 1620.
[61] Fol. 1620.

rigward ta' Q, jingħad illi dan kien ikun jidher inkwetat fuq kwistjonijiet mhux relatati mal-iskola, fejn ħa ukoll l-irwol ta' protezzjoni versu ħutu. Jingħad illi l-omm u n-nanna maternal dejjem pprovdewlu stabbilita' u kienu ta' spalla f'kull sitwazzjoni. Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' --, jingħad l-istess;

b. Il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

i. *Ix-xhieda ta' AG bħala social worker*,[62] tgħid li minn meta inbidel l-aċċess versu l-minuri ż-żgħir, *"il-missier ħassu li iktar għandu say fuq l-aċċess, l-omm qisha kienet imbeżża, kienet turina li qed tkun skomda, imma xorta kienet tiġi"*;[63]

ii. *Ix-xhieda ta' IV bħala Manager tal-Court Servies fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[64] fejn tgħid li kellha komunikazzjoni mal-partijiet meta kienet tikoordina l-aċċess b'superviżjoni għall-intimat. Fir-rigward tar-rigali li l-intimat kien jgħaddi lill-uliedu, ix-xhud tgħid li kien hemm żmien meta l-attriċi kienet taċċettahom u iktar 'il quddiem bdiet tirrifjutahom. Tispjega li minħabba inċident li ġara l-Aġenzija Appoġġ fejn il-partijiet illetikaw quddiem it-tfal, hija kellha tieħu deċiżjoni li l-aċċess jieqaf minħabba li kienet ċara li l-minuri ż-żgħir kienet qed issirlu iktar ħsara;

iii. *Ix-xhieda ta' CZ bħala social worker fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[65] fejn tispjega li l-inkwiet rigward l-aċċess inqala' meta żdied għal sagħtejn darbejn fil-ġimgħa u l-intimat naqas milli jikkoopera mas-*social workers*, fejn ma kienx jibqa' jistenna fejn suppost sabiex ma jiltaqgħax mal-attriċi, u baqa' jsaqsi diversi mistoqsijiet lil minuri dwar ħutu ukoll stante li ma kienx qed jarahom. Tgħid ukoll illi r-rigali tal-intimat komplew żiedu l-inkwiet, speċjalment l-aħħar rigal li kienu mutur tat-tfal. Fl-aħħar li kienu qed isiru l-aċċessi, it-tifel kien qed jirrifjuta li jidħol għall-aċċess, u fl-aħħar viżta, il-minuri kien irrabjat kemm ma' ommu kif ukoll ma' missieru, tant li sa darba refa' jdejh ukoll fuq ommu. Tikkonferma li jista' jsir kors ta' *co-parenting skills*.

F'xhieda ulterjuri, ix-xhud ippreżentat ir-rapporti kollha tal-viżti li saru minn meta beda l-aċċess, magħmula mill-ħaddiema li kienu preżenti waqt l-

[62] Fol. 1746.
[63] Fol. 1748.
[64] Fol. 1751.
[65] Fol. 1763, 1778.

aċċess.[66] Tgħid li l-żewġt ulied il-kbar qatt ma daħlu għall-aċċess, fejn il-kbir dejjem tkellem dwar dak li għaddew minnu minħabba missieru u kellu ukoll *suicidal thoughts,* filwaqt li t-tifla fustanija kellha rabja kbira lejn missierha iżda kien hemm żmien fejn kienet qed tagħmel progress. Min-naħa l-oħra ż-żgħir daħal għall-aċċess, u kkumparat ma' ħutu l-inqas wieħed li għandu problemi, għalkemm kellu bħal *challenging behaviour*. Għalhekk kienet qed tinħoloq sitwazzjoni anke bejn l-aħwa, għaliex il-kbar ma riedux li ħuhom iż-żgħir jidħol għall-aċċess u jaċċetta rigali minngħand missierhom, u għalhekk issuġġeriet li jsir ukoll *family therapy*. Tikkonferma li l-attriċi kienet ukoll issuġġeriet li l-aċċess għal erba' (4) sigħat, iżda tali proposta ma ġietx aċċettata għax erba' (4) sigħat twal wisq. Ix-xhud tgħid li issa li l-aċċess huwa sospiż, hija tal-fehma illi qabel kull membru tal-familja jingħata terapija u għajnuna li għandu bżonn, ikun wisq kmieni li jerġa' jibda jiġi eżerċitat l-aċċess;

iv. *Ix-xhieda ta' FC bħala support worker fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ*,[67] fejn tkun preżenti waqt l-aċċess superviżjonat u tispjega lli l-aċċess dejjem kien ikun tajjeb mat-tifel, fejn dan tal-aħħar kien imur sew ma' missieru u viċi versa. Tgħid li t-tifel ried mutur, u missieru kien qallu li ser jixtrilu wieħed jekk ommu tgħidlu li tajjeb. Dakinhar biss li t-tifel kien ħareġ isaqsi lil ommu. Fir-rigward tat-tifla tgħid li kienet beżgħana minnu u ma riditx tersaq lejn missierha;

v. *Ix-xhieda ta' AD mic-Child and Yound People's Services*, fejn ppreżentat dokument relatat ma' Q B,[68] ieħor ma' S B,[69] u ieħor ma' R B.[70] Ix-xhud tgħid li s-servizzi għal Q u S B waqfu għaliex hekk inħass li kellu jsir minn Dr Lorraine Azzopardi. Min-naħa l-oħra fir-rigward ta' R B, kien hemm referral minħabba problemi l-iskola, rabja, *self- harm* u *passive death wishes*. Il-minuri jinsab fil-proċess biex jerġa' jsir terapija min-naħa tal-Aġenzija Appoġġ;

vi. *Ix-xhieda ta' Dr L A in rappreżentanza ta' CYPS*,[71] fejn tgħid li Q u -- ġew *discharged* mill-ewwel stante li ġie kkunsidrat li ma kellhomx bżonn kura. Jingħad li -- ġiet riferuta minn Dr AF għaliex kienet qed tirrifjuta li tmur l-iskola u taħrab minn hemm ukoll stante problemi fil-familja, senjatament

[66] Fol. 1795 – 1888.
[67] Fol. 1769.
[68] Fol. 2170.
[69] Fol. 2169.
[70] Fol. 2167.
[71] Fol. 2177.

separazzjoni diffiċli u għalhekk iktar kienet kwistjoni li l-ġenituri kellhom jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom. Fir-rigward ta' R dan ukoll ġie *discharged*, issa reġa ġie riferut in vista li l-għalliema tiegħu kienet mħasba fuqu. Wara numru ta' assessjar ġie konkluż li R jilħaq kriterji ta' ADHD. Ix-xhud tgħid li t-tfal għandhom bżonn stabbilita' u jħossuhom fis-sigur.

*Is-Sitwazzjoni Pendente Lite rigward il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:*

a. *Digriet tal-1 ta' Diċembru 2014*, fejn il-Qorti ordnat li *pendente lite*: (i) l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun konġunta f'idejn iż-żewġ ġenituri b'dana li l-minuri jirrisjedu mal-omm, (ii) il-missier ikollu l-jedd li jeżerċita l-aċċess għal uliedu nhar ta' Tlieta u Ħamis mill-4 u s-6 ta' wara nofsinhar, u alternattivament mill-Ġimgħa fis-6 ta' filgħaxija sas-Sibt fis-6 ta' filgħaxija, u l-ġimgħa ta' wara mis-Sibt fis-6 ta' filgħaxija sal-Ħass fis-6 ta' filgħaxija, (iii) il-minuri jkunu *monitored* kemm fid-dar residenzjali tal-omm, kif ukoll waqt l-aċċess ma' missierhom, u (iv) il-missier irid iħallas is-somma ta' €200 għall-attriċi, kif ukoll €300 għal minuri, u dan fix-xahar bħala manteniment, liema somma tinkludi sehem il-konvenut għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, u kif ukoll għandha tiżdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;

b. *Digriet tat-3 ta' Marzu 2015 mogħti seduta stante*,[72] fejn fid-dawl tal-inċertezza dwar l-allegata vjolenza u ġialadarba hemm *in vigore* kundizzjonijiet tal-*bail*, il-Qorti ordnat li l-aċċess tal-konvenut għal minuri għandu jsir tlett (3) darbiet fil-ġimgħa fl-Aġenzija Appoġġ taħt superviżjoni;

c. *Digriet tal-20 ta' Marzu 2015*,[73] fejn il-Qorti: (i) irrevokat *contario imperio* d-digriet tagħha tat-3 ta' Marzu 2015 filwaqt li ordnat li l-aċċess tal-konvenut versu l-minuri jiġi sospiż u l-Aġenzija Appoġġ tibqa' ssegwi lil minuri, u (ii) ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata esklussivament f'idejn l-attriċi u tawtorizza l-istess sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha rigwardanti s-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

---

[72] Fol. 66.
[73] Fol. 98.

d. *Digriet tat-30 ta' April 2015*,[74] fejn il-Qorti ordnat li r-rapporti tal-Aġenzija Appoġġ jiġu ppreżentati fl-atti ta' din il-kawża, kif ukoll li l-Aġenzija in kwistjoni għandha tikkonsulta mal-partijiet bil-għan illi jinbeda aċċess tal-missier għal minuri taħt is-superviżjoni fl-Aġenzija Appoġġ, u xahrejn wara li jinbeda tali aċċess isir assessjar psikologiku tal-missier bil-għan li jiġi tsabbilit jekk jistgħax isir aċċess mingħajr superviżjoni;

e. *Nota tal-Aġenzija Appoġġ tat-2 ta' Lulju 2015*,[75] fejn ġie ddikjarat illi l-aċċess b'superviżjoni beda jinżamm minn nhar is-17 ta' April 2015, u ġie osservat illi l-konvenut għandu relazzjoni pożittiva ma' uliedu iżda kien hemm drabi fejn il-konvenut kien jidher imnikket tant li tali affettwat l-andament tal-aċċess. Ingħad ukoll li l-konvenut għandu aġir impulsiv u għandu diffikulta' jikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħu, liema kwistjonijiet qed iwaslu sabiex l-aċċess ma jkunx dejjem pożittiv. Għaldaqstant ġie ssuġġerit li f'dan l-istadju ma jkun hemm ebda tibdil fl-aċċess u dan sakemm il-konvenut jirrikorri għal għajnuna professjonali;

f. *Digriet tal-1 ta' Ottubru 2015*,[76] fejn il-Qorti ordnat lil konvenut sabiex jattendi għal sessjonijiet ta' terapija għand CT;

g. *Nota tal-Aġenzija Appoġġ tad-9 ta' Ottubru 2015*,[77] fejn ġie dikjarat illi *"li għad ikun hemm mumenti fejn il-missier ikun imdejjaq u stqarr li jitlob sabiex ma jqumx l-ghada. Huwa jghid li jhossu bla skop u wahdu, bla familja u limitat fuq kemm ghandu jara lit-tfal. Li f'mumenti ohra fejn il-missier ikun qed ihossu ahjar, huwa jaghmel mill-ahjar sabiex igawdi lill-uliedu waqt l-access billi jilghab u jikkomunika maghhom"*;

h. *Digriet tas-26 ta' Ottubru 2015*,[78] fejn il-Qorti ssospendiet l-aċċess superviżjonat li għandu l-konvenut sakemm titressaq prova li l-missier qiegħed jattendi għal sessjonijiet għand il-psikologa sabiex isirlu assessjar;

i. *Rapport preliminari tal-psikologa CT tal-15 ta' Jannar 2016*,[79] fejn ġie rrakkomandat illi *"f'dan l-istadju l-access that superviżjoni jerġa' jibda kif*

[74] Fol. 145.
[75] Fol. 162.
[76] Fol. 173.
[77] Fol. 175.
[78] Fol. 182.
[79] Fol. 186.

*kien, u li regolarment ikun hemm ukoll laqgħat mal-'co-ordinator' ta' dan l-aċċess taht supervizjoni biex hu jkun jista' jkollu 'feedback' regolari fuq l-andament tal-access"*;

j. *Digriet tat-18 ta' Jannar 2016*,[80] fejn il-Qorti wara li rat in-nota tal-psikologa CT, ordnat lil Aġenzija Appoġġ sabiex tieħu azzjoni li jidrilha opportun fl-interess suprem tal-minuri;

k. *Nota tal-Aġenzija Appoġġ tad-29 ta' Marzu 2016*,[81] fejn ingħad illi in vista tal-instabbilita' tal-istat tas-saħħa mentali tal-missier, ġie ssuġġerit illi l-missier għandu jkollu aċċess għal minuri wara li ssir evalwazzjoni psikjatrika tal-missier u jiġi aċċertat li huwa qiegħed jieħu t-trattament meħtieġ u l-mediċina preskritta sabiex l-istat mentali tiegħu tiġi kkontrollata, u assigurat li l-imġieba tiegħu mhux se tkun ta' ħsara għall-minuri;

l. *Digriet tal-1 ta' April 2016*,[82] fejn il-Qorti ordnat is-sospensjoni tal-aċċess tal-missier għal minuri;

m. *Nota tal-Psikologa C T tat-12 ta' April 2016*,[83] fejn infurmat lil Qorti li l-konvenut kien infurmaha illi ma kienx ser jattendi iktar għal sessjonijiet ta' terapija;

n. *Digriet tat-2 ta' Mejju 2016*,[84] fejn il-Qorti ordnat li l-konvenut jattendi għand il-Psikjatra Dr Peter Muscat, u nelfrattemp issospendiet l-aċċess;

o. *Digriet tad-19 ta' Lulju 2016*,[85] fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tal-konvenut tal-4 ta' Lulju 2016,[86] laqgħat it-talba kif dedotta u ħatret lil Dr D M biex isegwi lil konvenut;

p. *Rapport ta' Dr D M tal-24 ta' April 2017*,[87] fejn ikkonkluda illi *"throughout the five session at the Psychiatric Outpatient Cliic at Mater Dei Hospital, Mr. B consistently showed no signs of depression anxiety, or psychotic*

[80] Fol. 188.
[81] Fol. 1223.
[82] Fol. 1225.
[83] Fol. 579.
[84] Fol. 1234.
[85] Fol. 825.
[86] Fol. 816.
[87] Fol. 1237.

*symptoms. His behaviour was pleasant and engageable, his thinking was logical and his mood normal. He consistently spoke of his desire to see his children regularly, and that he had accepted that his relationship with A was over"*;

q. *Digriet tal-25 ta' Mejju 2017*,[88] fejn ġie ordnat illi kollox jibqa' kif inhu stante li l-konvenut ma kienx qiegħed jieħu t-trattament lilu preskritt u li s-sitwazzjoni tiġi ri-evalwata fi żmien tlett (3) xhur fuq rapport ieħor tal-espert Dr D M;

r. *Rapport ta' Dr D M datat 9 ta' Ottubru 2017*,[89] fejn ikkonferma li l-konvenut kien qed jieħu t-trattament preksritt lilu;

s. *Digriet tas-6 ta' Frar 2018*,[90] fejn il-Qorti ordnat li l-aċċess isir taħt is-superviżjoni tal-Aġenzija Appoġġ;

t. *Digriet tat-8 ta' Mejju 2018 mogħti seduta stante*,[91] fejn il-Qorti ordnat illi fiċ-ċirkostanzi u temporanjament il-minuri Q B ma jmurx aktar għall-aċċess, filwaqt li ħatret lill-espert psikologa C T biex tkellem lil Q u S B, u tistabbilixxi jekk *inter alia* hemmx *parental alienation* da parti tal-omm. Magħdud ma' dan il-Qorti ordnat ukoll illi l-aċċess fl-Aġenzija Appoġġ jinżamm nhar ta' Ħamis bejn it-3.30 u l-4.30 ta' wara nofsinhar;

u. *Digriet tat-30 ta' Ġunju 2018*,[92] fejn wara li l-Qorti rat ir-rikors tal-attriċi tal-15 ta' Ġunju 2018,[93] hija ordnat li tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta favur l-attriċi;

v. *Ordni ta' Protezzjoni datata 30 ta' Ġunju 2018*,[94] maħruġa minn din il-Qorti kontra C B a favur A B għal durata sakemm idumu pendenti l-proċeduri odjerni;

[88] Fol. 1242.
[89] Fol. 1243.
[90] Fol. 1275.
[91] Fol. 1546a.
[92] Fol. 1582.
[93] Fol. 1552.
[94] Fol. 1582b.

w. *Nota tal-Aġenzija Appoġġ tad-9 ta' April 2018*,[95] fejn ġie ppreżentat rapport redatt minn L Z u Andreana Gellel dwar il-konjuġi B, fejn ġie konkluż u rrakkomandat illi *"Fid-dawl ta' dan kollu jidher li l-aċċess mal-minuri ż-żgħir sejjer tajjeb u għalhekk għandu jibqa' jsir. Madanakollu, jidher li qed tkompli isir ħsara liż-żewġ minuri l-kbar peress li għadhom mhux lesti li jerġgħu jibdew jiltaqgħu ma' missierhom. Għalhekk qiegħed jiġi rrakomandat li l-aċċess tal-minuri l-kbar jiġi sospoż immedjatament sakemm ikomplu jieħdu t-terapija li għandhom bżonn. Qed jiġi rrakomandat ukoll li t-terapisti tal-minuri għandhom jinfurmaw lis-social worker jekk u meta l-minuri jkunu preparati biex jerġu jibdew jiltaqgħu ma' missierhom"*;

x. *Digriet tat-8 ta' Mejju 2018*,[96] fejn il-Qorti ordnat li l-aċċess fl-Aġenzija Appoġġ jinżamm nhar ta' Ħamis bejn it-3.30 u l-4.30 ta' wara nofsinhar u kif ukoll li l-minuri Q għalissa ma jmurx għall-aċċess, u dan sakemm il-Qorti tara r-rapport ta' C T;

y. *Rapport tal-psikologa C T tat-13 ta' Novembru 2018*,[97] fejn ikkonkludiet illi *"jidher li hemm sinjali moderati ta' 'parental alienation' fid-dinamika li jiena osservajt f'din il-familja. Q jidher li qed ikun maqbud f'kunflitt f'din is-sitwazzjoni li sab lilu nnifsu fiha, sitwazzjoni li qed tohloqlu tempesta nterna ta' emozzjonijiet opposti li jizbilancjawh emozzjonalment. Hu ovvju li hemm sinjali cari li hu qed ikollu problemi ta' fiduċja, fejn anki qed isir suspettuz dwar hafna min-nies ta' madwaru fejn anki lis-sieheb tal-omm qed jahseb li qed jghid fuqu. Qed juri sinjali ta' ghira lejn huh iz-zghir li qed ikollu kuntatt ma' missieru, li forsi qed johodlu postu bhala l-favorit ma' missieru. Dan hu tifel li bejn dak li qed ihossu li jixtieq jaghmel u dak li fil-fatt qed ihossu li 'suppost' jaghmel fis-sitwazzjoni li zviluppat fil-familja tieghu, hemm bahar x'jaqsam. S, min-naha l-ohra, tidher li hi suggeribbli hafna, u qed igorr hafna dizappunt u biza' lejn missierha li hafna minnha forsi qed tohodha minn haddiehor. Nikkonkludi billi nghid li sakemm is-sitwazzjoni tibqa' hekk dawn it-tfal ser jibqghu f'sitwazzjoni li zgur qed taghmel hafna hsara ghall-izvilupp taghhom"*;

z. *Domandi in esklussjoni lil psikologa C T*;[98]

[95] Fol. 1608.
[96] Fol. 1617.
[97] Fol. 1633.
[98] Fol. 1889 – 1905.

aa. *Nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi datata 12 ta' Novembru 2019*,[99] fir-rigward tar-rapport tal-psikologa C T fejn talbet illi l-konklużjonijiet tagħha għandhom jiġu skartati;

bb. *Digriet tal-14 ta' Novembru 2018*,[100] fejn ordnat li l-minuri Q u S jibdew jingħataw għajnuna psikologika fl-Aġenzija Appoġġ bil-għan li jerġgħu jibdew relazzjoni ma' missierhom;

cc. *Digriet tat-22 ta' Jannar 2019 mogħti seduta stante*,[101] fejn il-Qorti tirrakomanda lil Aġenzija Appoġġ sabiex takkorda żewġ aċċessi fil-ġimgħa ta' sagħtejn kull darba lil konvenut ghal minuri R;

dd. *Rapport tal-Aġenzija Appoġġ datat 12 ta' Marzu 2019*;

ee. *Digriet tat-12 ta' Novembru 2019 mogħti seduta stante*,[102] fejn il-Qorti rrakkomandat lil Aġenzija Appoġġ sabiex tagħti terapija lill-ulied minuri u anke lill-partijiet bil-għan illi xi darba terġa' tiġi stabbilita relazzjoni bejn il-minuri u l-missier, liema terapija għandha possibilment tingħatha individwalment anke fejn tirrigwarda lil minuri, b'dana illi meta l-Aġenzija tara li jkun possibbli, il-missier jerġa' jibda jara lit-tfal kollha mqar jekk taħt superviżjoni;

ff. *Nota tal-Aġenzija Appoġġ datat 28 ta' Janar 2020 in vista tad-digriet tagħha tat-12 ta' Novembru 2019*,[103] fejn infurmat lil Qorti illi l-minuri kienu qegħdin jiġu segwiti minn *Child and Young Persons Psychiatric Service* fi ħdan id-Dipartiment tas-Saħħa minħabba problemi emozzjonali fosthom *self-harm* u problemi oħra relatati mal-imġieba tagħhom. Għalhekk l-Aġenzija Appoġġ ġew infurmati li kull intervent ieħor li jista' jsir jaf ikun qiegħed ifixkel u jikkawża dannu psikoloġiku għall-istess minuri;

gg. *Digriet tat-2 ta' Marzu 2020*,[104] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-Aġenzija Appoġġ sabiex tingħata iktar żmien sabiex twettaq dak ordnat;

---

[99] Fol. 1908.
[100] Fol. 1618.
[101] Fol. 1652.
[102] Fol. 1906.
[103] Fol. 1995.
[104] Fol. 2007.

hh. *Digriet tad-19 ta' Ġunju 2020*,[105] fejn il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tal-4 ta' Ġunju 2020,[106] ossija: (i) varjat id-digriet tal-1 ta' Diċembru 2014 fis-sens illi l-manteniment ġie awmenat għal €150 għal kull wild, li jinkludi sehem il-konvenut mill-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, (ii) l-manteniment jinqata' direttament mis-salarju jew benefiċċji soċjali jew pensjoni li jirċievi l-konvenut, filwaqt li dan jitħallas direttament lill-attriċi, u (iii) ordnat lil konvenut jiddikjara fejn qiegħed jaħdem, u tobbligah li jinfurmaha kull darba li jibdel jew iwaqqaf l-impjieg tiegħu, filwaqt li jinformaha bl-impjieg il-ġdid;

ii. *Digriet tal-5 ta' Ottubru 2020*,[107] fejn il-Qorti laqgħat it-talba tal-konvenut kif dedotta fir-rikors tiegħu tad-9 ta' Settembru 2020,[108] ossija li rrevokat u ħasret *contrario imperio in parte* d-digriet tal-1 ta' Diċembru 2014 fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi stante illi l-attriċi tista' liberalment tfittex xogħol, filwaqt li ordnat lil konvenut iħallas €600 fix-xahar bħala manteniment għall-ulied, oltre nofs l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni tal-minuri;

jj. *Digriet tal-5 ta' Ottubru 2020*,[109] fejn wara li rat ir-rikors tal-konvenut tas-16 ta' Settembru 2020,[110] il-Qorti ħatret lil Dr S G bħala Avukat tat-Tfal sabiex wara li tkellem lil minuri tirrelata dwar it-talbiet kif dedotti;

kk. Rapport ta' Dr S G bħala Avukat tat-Tfal,[111] fejn saħqet illi *"s-Sur B ghandu attitudni ghal kollox agressiva mhux biss mas-Sinjura B imma anke m'uliedu, Dan mhux biss meta jkunu wahedhom imma anke quddiem is-supervisors tal-Agenzija Appoġġ meta l-access kien qed isir b'supervizjoni. Ghal kuntrarju ta' dak allegat mis-Sur B li "m'ghadx hemm ragunijiet validi ghalfejn l-access ghandu jkun supervizjonat", fil-fatt hemm hafna ragunijiet mhux biss ghaliex l-access ghandu jkun supervizjonat imma anke ghaliex l-access m'ghandux isehh. Illi s-Sur B ghandu attitudni aggressiva u juza*

[105] Fol. 2034.
[106] Fol. 2016.
[107] Fol. 2061.
[108] Fol. 2040.
[109] Fol. 2108.
[110] Fol. 2065.
[111] Fol. 2109.

*kliem ta' theddid u mhux xieraq mat-tfal (...). Illi konsegwenza ta' dan kollu t-tfal umbraw lil missierhom u ma jridux jafu bih. Mhux biss ma jridux jafu bih, imma anke bdew ibatu minn bizgha u anzjeta tant li anke kellhom jaghmlu xi terapija biex jeghlbu din l-anzjeta u l-hsibijiet negattivi li bdew ibatu minnhom. It-tfal assolutament ma jridux li jkollhom access ghal missierhom, lanqas jekk bis-supervizjoni".* Għaldaqstant ġie konkluż *"illi in kunsiderazzjoni tal-ahjar interessi u tax-xewqat tat-tfal, l-esponenti umilment tirrakkomanda lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad ghal kollox it-tielet talba ta' C B b'dan illi t-tfal ghandhom ragunijiet validissimi ghaliex ma jridux li jkollhom access ghal missierhom, u ghalhekk ix-xewqat taghhom ghandhom jigu rispettati. Illi fir-rigward tar-raba' talba l-esponenti ma ssibx oggezzjoni li s-Sur B jkun jista' jottjeni informazzjoni dwar is-sahha u edukazzjoni tal-minuri"*;

ll. *Digriet tal-20 ta' Ottubru 2020*,[112] fejn il-Qorti wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal, hija laqgħat ir-raba' talba fis-sens li l-konvenut unilateralment jkun jista' jottjeni informazzjoni adegwata dwar is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, filwaqt li kompliet sabiex ċaħdet it-talbiet kollha rimanenti hekk kif dedotti fir-rikors tal-konvenut tas-16 ta' Settembru 2020;

mm. *Digriet tal-10 ta' Diċembru 2020 mogħti seduta stante*,[113] fejn il-Qorti rrakkomandat lic-CYPS sabiex jaraw jekk hux opportun li tinbeda *family therapy* li għaliha jattendu l-ġenituri u l-minuri bil-għan li jiġi stabbilit xi forma ta' kuntatt bejn il-minuri u l-missier;

nn. *Digriet tal-5 ta' April 2022*,[114] fejn il-Qorti talbet lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal sabiex wara li jkellmu lil partijiet u lil minur, u wara li jieħdu konjizzjoni tal-atti kollha, jirrelataw lura lil Qorti dwar it-talbiet kif dedotti fir-rikors ta' C B tat-18 ta' Marzu 2022;[115]

oo. *Rapport datat Mejju 2022 ta' D C impjegata fi ħdan id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal*, fejn ġie rrakkomandat sabiex *"Caiey u R ikollhom aċċess ma' missierhom taħt moniteraġġ. Waqt li Q jibqa' fil-liberta' biex jiddeciedi hu jekk ikunx irid ikollu aċċess ma' missieru. Nissuġerixxu li Cailey u R*

[112] Fol. 2112.
[113] Fol. 2126.
[114] Fol. 2338.
[115] Fol. 2248.

*jagħmlu mill-għaxra ta' filgħodu sal-erbgħa ta' wara nofsinhar is-Sibt fejn isir moniteraġġ min-naħa tagħna u wara sitt xhur nonformaw lil din Onorevoli Qorti fuq is-sitwazzjoni".*

*Il-Prinċipji Legali fir-rigward tal-Kura, l-Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:*

Rigward il-kura, kustodja u aċċess, il-Qorti tirritjeni li f'tali aspetti il-ġurisprudenza tagħna dejjem irriteniet li l-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli**[116] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless,**[117] il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**'[118] u **Maria DD sive H Scicluna vs. A Scicluna,**[119] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

[116] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[117] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.
[118] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956.
[119] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP).

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan C**,[120] u **Marlon G vs. Charlene Banks**[121] ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Rigward il-manteniment, jiġi ribadit illi l-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi".* L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtietnaturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

[120] Deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL).
[121] Deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL).

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

*Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u tal-provi, il-Qorti tinnota fil-preżent ulied il-partijiet huma kollha minorenni u b'hekk għadhom taħt is-setgħa tal-ġenituri tagħhom. Madanakollu għandu jiġi sottolinejat illi fil-preżent il-minuri għandhom sittax-il (16) sena, erbatax-il (14) sena u ħdax-il (11) sena, rispettivament.

**Kura u Kustodja tal-Minuri:**

Il-Qorti tirrikonoxxi l-fatt li wħud mid-drabi, talba ta' din in-natura issirilha sabiex ġenitur partikolari jiġi eskluż mit-trobbija tal-ulied u konsegwentament il-

minuri sfortunatament jisfaw jitrabbew bħala ltiema minkejja li għandhom iż-żewġ ġenituri għadhom ħajjin. Tali aġir ma huwa xejn ħlief frott tal-pika żejda ta' bejn il-ġenituri nfushom. Fil-każ odjern, din hija talba magħmula mill-attriċi sabiex din il-Qorti takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, aħwa B, ulied il-partijiet.

Fil-fatt fl-affidavit tagħha, l-attriċi tgħid illi dejjem kienet hi li ħadet ħsieb lit-tfal u tikkontendi illi *"tenut kont l-aġir irresponsabbli u abbużiv da parti ta' C, jien inħoss li l-kura u kustodja, ir-residenza u d-decizjonijiet relatati mas-sahha, mal-edukazzjoni, mas-safar u mal-attivtajiet extra-kurrikulari ghandhom jittiehdu minni. M'ghandu l-ebda oġġezzjoni li C jiehu din l-informazzjoni direttament minghand id-diriġenti u l-awtoritajiet konċernati b'mod ċivili peress li fil-passat kemm-il darba beżża' kemm lill-ħaddiema tal-iskola, lill-professjonisti li ħadmu miegħu, u anke tal-Appoġġ tant li tal-Appoġġ kellhom ibidlulu l-care workers"*.[122] Min-naħa l-oħra, fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut oġġezzjona li l-kura u kustodja jkunu vestiti f'idejn l-attriċi. Madanakollu fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut issottometta illi din għandha tkun vesitita f'idejn l-attriċi, salv li jingħata aċċess adegwat mal-minuri li jibda gradwalment u jiżdied u dan kif ġie rrakkomandat mill-professjonisti fil-qasam.

Mix-xhieda taż-żewġ kontendenti jirriżulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni, u min din ir-relazzjoni twieldu tlett ulied. Il-Qorti tara li l-partijiet kienu jgħixu taħt l-istess saqaf, iżda l-konvenut spiċċa biex telaq mid-dar li kienu qegħdin jgħixu fiha. Mill-provi mresqa jidher ċar illi l-konvenut huwa bniedem ta' demmu spont, aggressiv fejn f'ċertu mumenti jsir ukoll vjolenti. Mill-atti jirriżulta ukoll illi *pendente lite* l-kura u kustodja tal-minuri ilha vestita esklussivament f'idejn l-attriċi sa mill-20 ta' Marzu 2015. Għalhekk fid-dawl tal-premess, il-Qorti tinsab sodisfatta illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri, li l-kura u kustodja tal-minuri Q, S u R, għandha tkun vesitita esklussivament f'idejn l-attriċi, fejn il-minuri għandhom jibqgħu jirrisjedu mal-attriċi ġewwa Malta, f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha.

Il-Qorti tkompli tikkonferma l-konsiderazzjoni tagħha in vista tal-fatt li bejn il-partijiet ma hemm l-ebda komunikazzjoni bażika u dan kif jikkonfermaw il-partijiet nfushom u d-diversi professjonisti li taw il-kontribut tagħhom f'din il-kawża. F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet

[122] Fol. 1681.

**Miriam Cauchi pro et noe vs. Francis Cauchi**,[123] fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet illi hija *"tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom"*. Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[124] fejn il-Qorti saħqet illi *"filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri"*. Dan kollu ġie rikonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **A Booker vs Roger Mahlangu**.[125]

**Aċċess għal Minuri:**

Fir-rigward ta' aċċess, il-Qorti tissottolineja illi *"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx* *<u>dritt ghall-access</u>*, *izda* *<u>obbligu</u>* *tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri, li, ghal dan il-ghan, jehtigilha ikollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access, jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri. Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux vice versa. L-importanti hu l-istabbilita` emozzjonali tat-tifla, u li din ikollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli"* (sottolinejar tal-Qorti).[126]

Il-minuri għandhom d-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbażi struzzjoni professjonali. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Romina Spagnol vs Thomas Spagnol**,[127] ingħad illi: *"Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji*

[123] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).
[124] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar it-30 ta' April 2015 (Rikors Numru 277/2012 RGM), mhux appellata.
[125] Deċiża mill-Qorti tal-Familja nhar is-7 ta' Diċembru 2017 (Rikors Numru 183/2016 RGM), mhux appellata).
[126] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Miriam Cauchi pro et noe vs. Frances Cauchi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (Appell Numru 2463/1999/1).
[127] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif preseduta, nhar is-27 ta' Ottubru 2021 (Rikors Numru 202/2014AL), mhux appellata.

*partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri".*

Mill-atti jirriżulta illi din il-kwistjoni tal-aċċess hija ferm kombattuta mill-partijiet, fejn jirriżulta ċar illi fil-mori tal-kawża l-konvenut dejjem baqa' bl-interess li jara lil uliedu b'mod konsistenti, filwaqt li l-attriċi għalkemm dejjem obdiet id-digrieti tal-Qorti, xorta waħda kienet tagħmilha ċara illi kienet tkun skomda. Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tissottolineja illi tifhem u tissimpatizza maż-żewġ partijiet, l-uġigħ u t-trawmiet tagħhom passati, iżda tirritjeni illi madanakollu dak li jinteressaha l-Qorti f'dan l-istadju huwa proprju l-interessi tal-minuri, li matul dawn is-snin kollha kienu huma li sfaw b'mod kontinwu ppreġudikati minħabba l-aġir tal-partijiet. Mill-atti jidher ċar illi l-minuri sa mill-bidu ta' din il-kawża ma kienux fis-sitwazzjoni li jinsabu fiha llum, hekk kif maż-żmien jidher li l-minuri bdew jiddeġeneraw. Fil-fatt il-Qorti tara illi fil-bidu li beda jiġi eżerċitat l-aċċess, dejjem ġie ddikjarat li t-tfal kienu kollha kemm huma jattendu, u l-eżitu kien dejjem kien ikun pożittiv, għajr għal f'xi waqtiet fejn il-konvenut kien qiegħed jaġixxi b'mod negattiv quddiem it-tfal. Għaldaqstant minn dan kollu l-Qorti tifhem illi anke jekk iż-żwieġ tal-partijiet tkisser minħabba l-aġir tal-konvenut, jidher li sal-bidu ta' din il-kawża l-ulied kienu għadhom qed jaraw lil missierhom minn lenti tajba fejn kienu jattendu għall-aċċess bi ħġarhom. Dan ifisser illi fil-mori tal-kawża, b'xi mod u għal xi raġuni, l-attitudni tat-tfal inbidlet, speċjalment f'dik tat-tnejn il-kbar. Magħdud ma' dan, jirriżulta ukoll li t-tfal imtlew bir-rabja, ansjeta', biża' u kundizzjonijiet oħra, li żgur mhux forsi dan mhux qiegħed jagħmel ġid lil dawn il-minuri. Il-Qorti tara ukoll illi mid-diversi rapporti li sarulha fil-mori tal-kawża, jidher b'mod ċar li dak li jrid jiġi milħuq fil-każ odjern huwa l-istabbilta' u s-serenita' bejn il-membri kollha tal-familja, b'mod partikolari bejn il-partijiet, fejn dawn tal-inqas ikunu kapaċi jittolleraw, jirrispettaw u jikkomunikaw b'mod bażiku u amikevoli sabiex il-minuri jkunu jistgħu jiksbu l-*equilibrium* neċessarju f'ħajjithom sabiex ikomplu jimxu 'il quddiem.

Naturalment it-triq ma hijiex waħda faċli, u dan kif jirriżulta mill-atti stess. Il-Qorti tara illi l-attriċi ma resqet l-ebda talba fir-rigward ta' aċċess, madanakollu u ai termini tal-Artikoku 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ser

tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-istess u dan f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri. Għalhekk, u dan fid-dawl tal-aħħar rapport ppreżentat, ċjoe' dak tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, il-Qorti tara illi ikun fl-aħjar interess tal-minuri, senjatament ta' S u R, illi l-konvenut u l-minuri jingħataw ċans ieħor li jibnu rapport bejniethom, in vista tal-fatt li huma stess ikkonfermaw li ma jiftakrux wisq mill-affarijiet tal-passat. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi l-każ għandu jerġa' jiġi riferut lid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, fejn il-professjonisti kkonċernati għandhom: (i) Fl-ewwel lok jitkellmu mal-minuri waħedhom, u jaraw huma x'jaħsbu dwar missierhom, il-possibilita' li jibnu rapport miegħu gradwalment u l-aspettattivi tagħhom, u (ii) Wara li jitkellmu mal-minuri u jkunu tal-fehma li jkun ta' benefiċċju għall-minuri li jsir aċċess, joħolqu skeda għall-aċċess bejn il-konvenut u l-minuri, b'dana illi tali aċċess għal bidu għandu jsir taħt is-superviżjoni ta' *social worker*, skont il-frekwenza li jidrilhom xierqa fiċ-ċirkostanzi, u fl-istess waqt permezz tas-superviżjoni tas-*social worker* il-konvenut ikun kostrett li matul l-aċċess jqatta' ħin ta' kwalita' mal-minuri bl-intiża li tinbena relazzjoni bejniethom.

Il-Qorti ma tarax li dan għandu japplika għal Q B stante r-rabja eċċessiva li dan għandu versu missieru, kif ukoll tal-eta' tiegħu, u għalhekk l-Qorti temmen li fiċ-ċirkostanzi ikun iktar għaqli jekk Q B jitħalla fil-liberta' illi jekk irid jikkomunika u jiltaqa' ma' missieru meta jkun iridu hu, jekk ikun il-każ.

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti hija ukoll tal-fehma illi l-partijiet, għandhom jattendu għal: (i) *co-parenting course*, (ii) *family therapy course*, u (iii) *parenting skills course*. Filwaqt li l-minuri kollha għandhom jattendu għal: (i) *family therapy course*, (ii) *behavioural therapy*, u (iii) *anger management course*. Barra minn hekk, il-Qorti hija tal-fehma ukoll illi tali korsijiet għandhom jinbdew minnufih, fejn is-sitwazzjoni odjerna għandha tiġi kkunsidrata bħala urġenti u dan tenut kont tal-fattispeċji partikolari tal-każ. Il-minuri għandhom jibqgħu jiġu segwiti regolarment sakemm jsiru maġġorenni.

B'din id-deċiżjoni, il-Qorti temmen li tkun ukoll laħqet bilanċ bejn dak li jixtiequ ż-żewġ partijet. Wara kollox, l-attriċi stess ikkonfermat illi m'għandha l-ebda oġġezzjoni li t-tfal ikollhom aċċess ma' missierhom, iżda *"nixtieq li dan l-aċċess isir b'mod li ma jkunx ta' ħsara għalihom u għalhekk nixtieq li jsiru assessments u terapija appożita minn professjonisti li jaċċertaw li C huwa mentalment stabbli u kapaċi jieħu ħsiebhom u li t-tfal preparati biżżejjed għall-aċċess"*, liema

assessjar fil-fehma tagħha għandu jibqa' għaddej sakemm it-tfal isiru maġġorenni.

**Manteniment għal Minuri:**

Jingħad ukoll illi ġialadarba l-minuri ser ikomplu jgħixu ma' ommhom, il-konvenut għandu jħallas manteniment mensili għal minuri. Fil-mument il-konvenut qed iħallas is-somma ta' €200 kull xahar għal minuri, u dan oltre sehemu mill-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni. Meta si tratta manteniment, il-Qorti fl-aħħar u l-iktar sentenzi riċenti tagħha, u ċjoe' dawk fl-ismijiet **Ottilie Micallef pro et noe vs Jason C Mifsud**,[128] u **Romina Veneziani noe vs Dr Marc Sant**,[129] għalmet illi:

*"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha, iżda l-Qorti ma tarax il-bżonn illi tali parti fil-kawża għandha tippreżenta kull irċevuta li tingħata kuljum, anke saħansitra għal kartuna ħalib! F'dan ir-rigward, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet* ***Michelina Bezzina vs Julian Bezzina****,[130] fejn ġie ribadit illi: "jinghad ukoll li likwidazzjoni fuq bazi ekwitattiva ghandha ssir meta jkun difficli li wiehed jistabilixxi precizament dak li huwa dovut lill-attur, u dan sabiex tista' ssir gustizzja f'kazijiet fejn ma jkunx possibbli li titressaq prova konkreta li tistabbilixxi bi precizjoni t-telf subit*[131]*".".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tara li tresqu s-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' C S in rappreżentanza tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (illum Jobsplus)*,[132] fejn ippreżenta: (i) l-*employment history* tal-attriċi, fejn jidher li fiż-żmien tax-xhieda ma kienetx ingaġġjata,[133] (ii) ir-*registration*

[128] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 107/2015 AL), mhux appellata.
[129] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rikors Numru 152/2016 AL), mhux appellata.
[130] Deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar it-28 ta' Ġunju 2018, mhux appellate (Rik. Ġur. Nru. 131/2013RGM).
[131] **Priscilla Cassar vs Robert Farrugia,** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, nhar il-15 ta' Lulju 2014.
[132] Fol. 583, 1583b.
[133] Fol. 597, 1596

*form* tal-attriċi,[134] (iii) l-*employment history* tal-konvenut,[135] fejn jidher li fiż-żmien tal-aħħar xhieda kien jinsab ingaġġjat bħala xuffier *self-employed* fuq bażi *full-time* sa mill-1 ta' April 2018, u (iv) ir-*registration form* tal-konvenut;[136]

b. *Ix-xhieda ta' B C in rappreżentanza ta' Medasia Cabs*,[137] fejn tiddkjara li l-intimat kien *self-employed* u juża l-applikazzjoni bl-isem ta' *Medasia Cabs* fejn jagħmel il-vjaġġi ta' *taxi* mill-istess applikazzjoni. Jitħallas jew bil-kontanti mill-klijenti, u jekk bil-*card,* il-kumpanija tgħaddilu l-flus fil-bidu tax-xahar bi flus kontanti stante li l-ammont kien ikun żgħir, wara li jittiehed in konsiderazzjoni l-*commission* li tkun dovuta lil kumpanija. Jingħad li l-intimat beda jaħdem hekk mit-8 ta' Marzu 2019 u spiċċa fit-30 ta' Lulju 2019. Ġie eżebit erba' (4) *statements* għax-xhur in kwistjoni,[138] kif ukoll erba' (4) *invoices*.[139] Huwa waqaf għaliex ma kienx hemm ħafna xogħol;

c. *Ix-xhieda ta' Dr R G M in rappreżentanza ta' Ecabs Operators Company Ltd*,[140] fejn jikkonferma li l-intimat ma kienx impjegat mal-kumpanija iżda kellu relazzjoni professjonali magħha, iżda jgħid li għamel żmien impjegat bejn is-16 ta' Lulju 2015 u t-22 ta' Settembru 2015, fejn daħħal introjtu ta' €2,098 gross hekkkif jirriżulta mill-FS3 ppreżentata.[141] Ix-xhud ippreżenta ukoll kopja tal-kuntratt ta' impjieg,[142] u dokument ieħor li juri t-terminazzjoni fi żmien il-*probabtion;*[143]

d. *Ix-xhieda ta' J C in rappreżentanza tal-Malta Freeport Terminals Ltd u l-Bord ta' Dixxiplina tal-istess,*[144] fejn ikkonfermat li l-intimat kien impjegat mal-kumpanija, u ppreżentat kopja tal-kuntratt tal-impjieg tiegħu,[145] dokument li jistabbilixxi t-terminazzjoni tal-istess flimkien mal-ETC *termination form,*[146] l-FS3s relattivi għas-snin 2008 sa 2011,[147] dokumenti

134 Fol. 598.
135 Fol. 586, 1589.
136 Fol. 595.
137 Fol. 1920.
138 Fol. 1950 – 1957.
139 Fol. 1958 – 1965.
140 Fol. 1921.
141 Fol. 1966.
142 Fol. 1967 – 1968.
143 Fol. 1969.
144 Fol. 1921.
145 Fol. 1970 – 1972.
146 Fol. 1973 – 1974.
147 Fol. 1975 – 1978.

relattivi għal proċeduri ta' dixxiplina interna,[148] u u dokument relatat mal-*part-time* bħala *tug master driver*;[149]

e. *Ix-xhieda ta' Sr T in rappreżentanza tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali,*[150] fejn ippreżenta: (i) rendikont tal-għajnuna soċjali u *children allowance* li tipperċepixxi l-attriċi,[151] u (ii) rendikont tal-għajnuna soċjali, għajnuna tal-qagħad u għajnuna suplimentari pperċepita mill-konvenut;[152]

f. *Prospett ta' spejjeż għat-tlett minuri fl-2020*,[153] b'total ta' €900 fix-xahar, u spejjeż oħra fis-sena ta' €1,300 li tinkludi l-*insurance* u liċenzja tal-karozza.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin (€275) kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għat-tlett itfal sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi *full-time* wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom.

**Ordnijiet Ulterjuri ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta: (i) Arretrati ta' Manteniment u (ii) Provvediment Ulterjuri:**

---

[148] Fol. 1979 – 1987.
[149] Fol. 1988 – 1991.
[150] Fol. 583.
[151] Fol. 616, 617.
[152] Fol. 618.
[153] Fol. 2026.

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tirribadixxi illi Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti lill-Qorti diskrezzjoni wiesgħa sabiex tiddeċedi dak li fiċ-ċirkostanzi jidrilha xieraq fl-interess suprem tal-minuri. Il-ġurisprdenza nostrana hija ċara f'dan ir-rigward, u ċjoe' fejn *si tratta* l-interess suprem tal-minuri l-Qorti ma għandhiex tkun imxekkla bir-regoli stretti u rigorużi proċedurali, tant illi l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hija tal-fehma illi jkun opportun illi tagħti s-segwenti provvedimenti u dana fl-aħjar interessi tal-minuri:

i. In vista tal-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi:

    a. Il-minuri għandhom jirrisjedu mal-attriċi f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha, filwaqt li l-konvenut igawdi minn aċċess kif spjegat iktar 'il fuq;

    b. Id-deċiżjonijiet ta' natura ordinarja għandhom jittiehdu mill-attriċi waħedha li jinkludu dawk bażiċi li jirrelataw mal-edukazzjoni, is-saħħa u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, filwaqt li;

    c. Id-deċiżjonijiet ta' natura straordinarja li speċifikament jinkludu: (i) tibdil ta' skola, (ii) interventi ta' saħħa fejn ikun rikjest li ssir operazzjoni, (iii) fejn ħajjet il-minuri tkun fil-periklu, (iv) applikazzjoni u tiġdid ta' passaport tal-minuri, u (v) safar barra minn Malta, għandhom jittieħdu b'mod konġunt mill-partijiet;

    d. Il-konvenut għandu: (a) jiġi nfurmat bl-iskola fejn tattendi l-minuri, (b) dritt li jkollu aċċess għall-informazzjoni dwar il-minuri mingħand id-diriġenti tal-iskola, l-awtoritajiet tal-isptar u t-tobba kuranti tal-istess minuri, (ċ) jiġi nfurmat mill-attriċi meta l-minuri, jew min minnhom, ikunu ma jifilħux jew rikoverati l-isptar, (d) jitħalla mill-awtoritajiet tal-isptar jidħol ħdejn il-minuri f'każ li xi ħadd minnhom ikun rikoverat l-isptar, (e) jattendi *Prize Day* u *Parents' Day,* (f) jitlob informazzjoni dwar il-minuri mingħand l-għalliema extra-kurrikulari tagħhom; u,

e. Il-passaport tal-minuri għandu jinżamm fil-pussess tal-attriċi.

ii. Fir-rigward ta' arretrati ta' manteniment, mill-atti jirriżulta illi l-konvenut jikkonferma dan fejn in kontro-eżami ikkonferma illi l-aħħar li ħallas mateniment kien fi Frar 2021.[154] Min-naħa l-oħra, l-attriċi tgħid li l-konvenut ilu ma jħallas manteniment minn Mejju 2021.[155]

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Linda Pulis vs Alfred Pulis**,[156] fejn il-Qorti tal-Appell spjegat illi t-talba oriġinali tal-mara kienet waħda għad-determinazzjoni tal-manteniment fis-sens ta' Artikolu 54 subartikolu 2 tal-Kodiċi Ċivili, iżda ingħad illi "*ghalkemm huwa veru li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu primarjament ghad-determinazzjoni tal-manteniment ex nunc, meta fil-kors ta' kawza ta' separazzjoni issir il-prova ta' arretrati ta' manteniment, l-ewwel Qorti generalment tiehu in konsiderazzjoni dawn l-arretrati fil-komputazzjonijiet u kalkoli ghad-determinazzjoni ta' l-istess manteniment, u dan specjalment meta flok manteniment fi hlas rateali jigi ordnat il-hlas ta' somma globali, pagabbli f'daqqa jew fi skadenzi*". B'hekk dan ifisser illi għalkemm wieħed ma jkunx għamel talba *ad hoc* għall-arretrati ta' manteniment, l-Ewwel Qorti xorta waħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' arretrati fid-deċizjoni tagħha, salv li ssirilha prova tal-imsemmija arretrati. Stabbilit il-premess, madanakollu jiġi mfakkar li f'tali kwistjonijiet *"l-Qorti trid timxi fuq il-provi u mhux fuq semplici asserzjonijiet anke jekk maghmula f'noti ta' sottomissjonijiet. Provi huma jew id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, jew id-deposizzjonijiet taghhom maghmula quddiem il-Qorti jew quddiem Assistent Gudizzjarju jew perit gudizzjarju, jew dak li huma jghidu f'affidavit (salv dejjem il-kwistjoni tal-kredibbilita`)".*[157]

Il-Qorti f'dan ir-rigward tara b'mod speċifiku l-ammissjoni tal-konvenut u b'hekk tara li t-talba tal-attriċi hija waħda ġustifikata. Għalhekk, il-konvenut għandu jagħmel tajjeb għal dan il-manteniment u għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' tlettax -il elf u tmien mitt ewro (€13,800).[158]

[154] Fol. 2345.
[155] Fol. 2415.
[156] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-16 ta' Frar 2007 (Appell Numru 176/2000/1).
[157] *Ibid.*
[158] 23 xahar (minn Mejju 2021 kif qalet l-attriċi sa Marzu 2023) x €600.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar il-5 ta' Ġunju 2004, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:*

Bis-saħħa tas-sentenza parzjali mogħtija nhar it-23 ta' Ottubru 2018,[159] il-Qorti laqgħat it-talba tal-partijiet kif dedotta fir-rikors tal-attriċi datat 2 ta' Marzu 2018, u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta. Din is-sentenza ġiet konsegwentament ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019, u għaddiet in ġudikat.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Sabiex il-partijiet jippruvaw dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, huma resqu s-segwenti provi:

a. *Ix-xhieda ta' D G in rappreżentanza ta' APS Bank Malta*,[160] fejn ikkonferma illi ma hemm l-ebda kont bankarju fuq isem il-partijiet;

b. *Ix-xhieda ta' C C in rappreżentanza ta' Banif Bank*,[161] fejn ikkonferma li: (i) fuq isem il-kovenut ma sab l-ebda informazzjoni, (ii) fuq isem l-attriċi sab żewġ (2) kontijiet li huma magħluqin,[162] u (iii) fuq isem iż-żewġ partijiet b'mod konġunt sab ħames (5) kontijiet li ukoll huma magħluqin;[163]

---

[159] Fol. 25, tal-Atti bin-Numru 2/2015/2 AL.
[160] Fol. 274.
[161] Fol. 274.
[162] Fol. 302 bħala *savings account* bin-numru 00076600181; Fol. 304 bħala *term account* bin-numru 7660020001.
[163] Fol. 297 – 298 bin-numru 00164305181 bħala *savings account*; Fol. 299 bħala *term account* bin-numru 16430520004; Fol. 300 bħala *term account* bin-numru 16430520003; Fol. 301 bħala *term account* bin-numru 16430520002; Fol. 303 bħala *term account* bin-numru 16430520001.

c. *Ix-xhieda ta' J B in rappreżentanza tal-Bank of Valletta plc*,[164] fejn ġie kkonfermat li: (i) fuq isem l-attriċi sabet erba' (4) kontijiet, fejn wieħed minnhom għadu attiv,[165] u l-oħrajn huma magħluqin,[166] (ii) fuq isem il-konvenut sabet kont wieħed,[167] u (iii) fuq isem il-partijiet b'mod konġunt sabet tlett (3) kontijiet li huma kollha *loan accounts*.[168] Ix-xhud ippreżentat ukoll rendikont tal-pagamenti għal-*loans*;[169]

d. *Ix-xhieda ta' A G in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta plc*,[170] fejn ġie kkonfermat li: (i) fuq isem l-attriċi sabet kont wieħed li għadu attiv,[171] (ii) fuq isem il-konvenut sabet kont wieħed li huwa magħluq;[172]

e. *Ix-xhieda ta' K c in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[173] fejn ippreżentat dokumenti sbaiex tistabbilixxi: (i) il-vetturi passati reġistrati fuq isem l-attriċi,[174] ossija vettura waħda tat-tip Nissan Micra bin-numru ta' reġistrazzjoni AAN-074, reġistrata fuq isimha bejn is-27 ta' Novembru 2008 sal-11 ta' Marzu 2010,[175] (ii) il-vetturi preżenti reġistrati fuq isem l-attriċi,[176] ossija vettura tat-tip Peugeot 306 bin-numru ta' reġistrazzjoni LCB-849 sa mill-5 ta' Jannar 2005,[177] u vettura tat-tip Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni CBH-731 sa mit-30 ta' April 2010,[178] (iii) il-vetturi passati reġistrati fuq isem il-konvenut,[179] ossija vettura tat-tip Fiat Regata bin-numru ta' reġistrazzjoni DEV-666, reġistrata fuq ismu mill-24 ta' Mejju 2000 u l-1 ta' Lulju 2003,[180] u vettura tat-tip Kia Sportage bin-numru ta' reġistrazzjoni IBO-025, reġistrata fuq ismu mis-27 ta' Ottubru 2009 u s-16 ta' Settembru 2011,[181] u (iv) il-vetturi preżenti reġistrati fuq isem il-konvenut,[182] ossija vettura tat-tip Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni JAU-589,

[164] Fol. 275.
[165] Fol. 340 – 525 bħala *eaccount* bin-numru 40015901125.
[166] Fol. 305 – 335 bħala *current account* bin-numru 40012017601; Fol. 336 – 339 bħala *consumer loan* bin-numru 40012024513; Fol. 526 – 529 bħala *term deposit* bin-numru 40018041493.
[167] Fol. 530 – 539 bħala *savings account* bin-numru 14909017012.
[168] Fol. 540 – 552 bħala *house loan* bin-numru 40013007380; Fol. 553 – 565 bħala *house loan* bin-numru 40013007393; Fol. 566 – 572 bħala *business loan* bin-numru 40014770205.
[169] Fol. 573 – 578.
[170] Fol. 275.
[171] Fol. 277 – 290, bin-numru 056101405050 bħala *savings account*.
[172] Fol. 291 – 296, bin-numru 039087986050 bħala *savings account*, magħluq fl-2013.
[173] Fol. 583.
[174] Fol. 604.
[175] Fol. 605.
[176] Fol. 599.
[177] Fol. 600.
[178] Fol. 603.
[179] Fol. 613.
[180] Fol. 614.
[181] Fol. 615.
[182] Fol. 606.

reġistrata fuq ismu sa mit-23 ta' April 2003,[183] vettura tat-tip Peugeot 307 bin-numru ta' reġistrazzjoni GBI-103, reġistrata fuq ismu sa mit-12 ta' Awwissu 2011,[184] vettura tat-tip Datsun 120Y bla numru ta' reġistrazzjoni, reġistrata fuq ismu mit-13 ta' Jannar 1997,[185] u vettura tat-tip Fiat Uno bin-numru ta' reġistrazzjoni IAD-275, reġistrata fuq ismu mit-23 ta' Diċembru 1997;[186]

f. *Ix-Xhieda ta' SC in rappreżentanza ta' Transport Malta*,[187] fejn ġie kkonfermat illi l-konvenut ma kellu l-ebda vettura reġistrata fuq ismu fil-preżent,[188] filwaqt li fil-passat kellu żewġ vetturi reġistrati fuq ismu.[189] Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-attriċi jingħad li fil-preżent għandha reġistrata fuq isimha vettura waħda reġistrata tat-tip Toyota Fun Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni BCG-996 reġistrata fuq isimha minn nhar id-29 ta' Novembru 2016,[190] filwaqt li fil-passat kellha żewġ (2) vetturi reġistrati fuq isimha;[191]

F'xhieda ulterjuri, ix-xhud ikkonferma li l-konvenut għandu fuq ismu reġistrati erba' (4) vetturi, li tnejn (2) minnhomm huma *scrapped,*[192] filwaqt li fil-passat kellu żewġ (2) vetturi reġistrati fuq ismu.[193] Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-attriċi, jingħad li fil-preżent għandha żewġ vetturi reġistrati fuq isimha, li waħda minnhom hija *scrapped,*[194] filwaqt li fil-passat kellha żewġ vetturi oħra reġistrati fuq isimha.[195] Il-vettura tat-tip Toyota Starlet kienet reġistrata fuq isem l-attriċi bejn it-30 ta' April 2010 u t-28 ta' Novembru 2016;

g. *Ix-xhieda ta' R B in rappreżentanza ta' ARMS Ltd*,[196] fejn fir-rigward tal-fond matrimonjali bl-indirizz *xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx* jingħad illi s-servizz jinsab reġistrat fuq l-attriċi u jippreżenta kopja tal-kont sabiex jikkorrabora dan.[197] Magħdud ma' dan jippreżenta ukoll kopja tal-prospett ta' kontijiet

[183] Fol. 607.
[184] Fol. 608.
[185] Fol. 609.
[186] Fol. 612.
[187] Fol. 1920, 2128.
[188] Fol. 1926 – 1934.
[189] Fol. 1935 – 1941.
[190] Fol. 1942 – 1946.
[191] Fol. 1947 – 1949.
[192] Fol. 2131 – 2139.
[193] Fol. 2140 – 2142.
[194] Fol. 2143 – 2147.
[195] Fol. 2148 – 2150.
[196] Fol. 660.
[197] Fol. 663.

maħruġa u pagamenti affettwati,[198] fejn jidher li hemm bilanċ pendenti dovut lil ARMS Ltd;

h. *Ix-xhieda ta' A B in rappreżentanza ta' GO plc*,[199] fejn jiddikjara li l-kumpanija in kwistjoni għandha kreditu ta' €1,128.35;[200]

i. *Nota ta' C B datata 24 ta' April 2018,*[201] fejn ippreżenta ftehim tal-partijiet datat 19 ta' Jannar 2018, ċjoe' mill-ammont ta' €154,000 rikavat tal-bejgħ tal-proprjeta' konjugali tagħhom, għandhom jitħallsu is-segwenti ċifri: (i) €48,669.02 jinżammu mill-APS Bank Ltd stante mandat ta' sekwestru, (ii) €1,406.93 jinżammu mill-APS Bank Ltd stante żewġ mandati oħra ta' sekwestru kontra l-konvenut, (iii) €64,967.49 għal *loans* u somom dovuti mill-konjugi B flimkien u konġuntivament lil Bank of Valletta plc, (iv) €3,200 lil ARMS Ltd għal arretrati ta' ta' kontijiet tad-dawl u ilma, (v) €1,068.20 lil K D u A D għal spejjeż li saru minnhom mill-Planning Authority, (vi) €1,435.59 lin-Nutar J F għal ħlas ta' ċens, (vii) €3,700 dovuti lil J & Sons Ltd, (viii) €3,000 dovuti minn C B lil G DD D, (ix) €11,850 lil A B arretrati ta' manteniment għaliha u għat-tfal dovuti minn C B għax-xhur bejn Jannar 2016 u Jannar 2018, (x) €666.95 lil A B minn C B għal spejjeż li saru fid-dar matrimonjali, (xi) €1,181.75 lil C B rappreżentanti nofs il-pagamenti li saru minnu relatati mal-*loan* tad-dar matrimonjali għax-xhur bejn Diċembru 2014 u Lulju 2015, Settembru 2015 sa Ottubru 2015, Diċembru 2015 u Frar 2016, u (xii) €1,400 dovuti lil avukati tal-partijiet. B'hekk minn tali somma jifdal il-bilanċ ta' €11,454.07. Madanakollu l-partijiet jiddikjaraw illi *"l-pagamenti hawn fuq imsemmija saru/qed isiru minghajr pregudizzju ghal kull dritt, pretensjoni, talba li kull parti ghandha fil-konfront tal-iehor hekk kif mitluba fil-kawza ta' separazzjoni personali numru 2/2015 AL fl-ismijiet A B vs C B, li l-partijiet ghandhom kontra xulxin; u dawn l-istess pagamenti (eskluż l-pagament ta' Eur 11,350 arretrati manteniment; il-pagament ta' €377.54 dovuti lil C G; il-pagament ta' €3,000 dovuti lil G DD D; u l-pagament ta' €666.95 relatati mal-bejgħ matrimonjali li huma dovuti minn C B waħdu; l-ispejjez bankarji, notraili; u tal-avukati li huma dovuti miz-zewgt partijiet flimkien) m'ghandhomx jitqiesu li permezz taghhom il-konjugi C B u A B illikwidaw bonarjament jew qablu dwar l-ilikwidar u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-beni jew krediti parafernali taghhom"*;

[198] Fol. 665 – 667.
[199] Fol. 1620.
[200] Fol. 1624.
[201] Fol. 1541.

Tenut kont tal-premess, il-Qorti tara illi:

*Fir-rigward il-fond matrimonjali*, il-Qorti tara li dan jinsab mibjugħ lil K u A, konjuġi D. Għalhekk ma għadx hemm lok li l-Qorti tippronunzja ruħha dwar l-istess, jew li tiddeċiedi dwar it-talba tal-attriċi sabiex tiġi awtorizzata tirrisjedi f-istess fond flimkien mal-ulied.

*Fir-rigward tal-mobbli ġewwa d-dar matrimonjali*, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda elenku ta' dawn il-mobbli, u b'hekk fin-nuqqas ta' provi f'dan ir-rigward hija prekluża milli tiddeċiedi dwar l-istess;

*Fir-rigward tal-kontijiet bankarji*, il-Qorti tara li tenut kont tax-xhieda mresqa, kull parti għandha kontijiet intestati fuq isimha kif ukoll kontijiet fuq isimhom b'mod konġunt. Għalhekk il-Qorti tordna li kull parti għandha żżomm dawk il-kontijiet bankari li intestati f'isimha u kif ukoll il-bilanċ miżmum fih, filwaqt li l-kontijiet li jinabu fuq isem il-partijiet b'mod konġunt għandhom jingħalqu minnufih u l-bilanċ jinqasam ugwalment b'bejn il-partijiet;

*Rigward il-vetturi*, il-Qorti tiddeċiedi li kull parti għandha tibqa' assenjata dawk il-vetturi li jinsabu reġistrati fuq isimha, fejn kull parti għandha tagħmel tajjeb għal kull ċitazzjoni, penali u/jew multa assoċjata mal-istess vetturi. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax li tresqet prova tal-valur tal-vetturi in kwistjoni, u b'hekk il-Qorti tinsab sprovvista minn prova essenzjali sabiex tkun f'pożizzjoni li tikkwantifika dak il-kreditu a favur l-attriċi u l-konvenut rigward il-vetturi in kwistjoni. Il-Qorti hija fi kwalunkwe każ prekluża milli tillikwida tali ammont *arbitrio boni viri,* stante li dan il-prinċipju ma jistgħax jiġi addottat fin-nuqqas assolut ta' xi prova rigward l-istess. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qiegħda tissolleċita lil partijiet sabiex bil-għajnuna tal-avukati tagħhom u persuni midħla fil-qasam tal-vetturi in kwistjoni, jiftiehmu fuq il-valur tagħħhom u dan fi żmien xahar mid-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Konsegwentament, il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi nofs il-valur kif miftiehem bejniethom, u dan rappreżentanti sehemha mill-imsemmija vetturi reġistrati fuq ismu, u l-istess irid isir mill-attriċi il-konfront tal-konvenut;

*Rigward is-servizzi ta' telekomunikazzjoni ta' omm il-konvenut u z-zija tiegħu*, il-konvenut ammetta li huwa verament kien ħallashom, u għalhekk dan għandu jrodd lura nofs tali somma lill-attriċi;

*Rigward it-transazzjonijiet ta' BWIN.COM u POS Betfair*, il-konvenut ukoll ammetta li dawn kienu saru minnu, u għalhekk nofs tali somom għandhom jiġu rifużi lill-attriċi;

*Rigward is-somma ta' sittax -il elf ewro (€16,000) dovuta lil G L D skont is-sentenza bin-numru 132/2016 JZM*, din is-somma għandha titħallas fl-intier tagħha mill-konvenut. Għalhekk jekk sar il-ħlas tal-istess sad-data meta kienet għadha viġenti l-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi trid tiġi rifuża nofs tali somma, ċjoe' tmint elefewro (€8,000) bħala sehemha mill-istess somma;

*Rigward il-flus pendenti mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali*, il-Qorti tara li l-iskrittura datata 19 ta' Jannar 2018 għandha tiġi eżegwita, b'dana illi l-konvenut ser jigwadanja mis-somma ta' tmienja u sebgħin elf, erba' mija u erbghin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€78,440.57), filwaqt li l-attriċi tigwadanja mis-somma ta' erbgħa u sittin elf, mija u hames euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€64,105.37), b'dana illi jifdal bilanċ ta' ħdax -il elf erba' mija u erbgħa u ħamsin ewro u sebgħa ċentezmi (€11,454.07) hekk ddepożitat il-Qorti. Tali somom flimkien jammontaw għas-somma komplessiva ta' mija u erbgħa u ħamsin elf ewro (€154,000), ossija l-prezz tal-bejgħ tad-dar matrimonjali. Għalhekk u ġialadarba r-rikavat kellu jinqasam min-nofs, kull parti kellha tieħu s-somma ta' sebgħa u sebgħin elf ewro (€77,000), u fid-dawl ta' dan u sabiex il-partijiet ikunu ħadu l-istess somma, il-bilanċ ta' ħdax-il elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin ewro u seba' ċenteżmi €11,454.07 għandu jiġi assenjat lill-attriċi, filwaqt li l-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi s-somma ta' elf, erba' mija u erbgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,440.57);

*Elenku tal-Assi Parafernali u/jew Dotali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

Fir-rigward ta' beni parafernali, l-attriċi tgħid li l-assi parafernali tagħha huma: (i) l-i*spare bedroom*, (ii) l-għamara tal-kurutur, u (iii) il-kmamar tas-sodda tat-tfal.[202] Madanakollu, mill-atti ma jirriżultax li dan ġie ppruvat u għalhekk il-Qorti mhux ser tieħu konjizzjoni ta' tali talba.

## 7. Kunjom Xbubit l-Attriċi:

[202] Fol. 1684.

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u ċjoe' '*E*'. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

**DEĊIDE:**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għadhiex iktar possibbli għaliex iż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u dan minħabba moħqrija u nġurji gravi ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili da parti l-konvenut, dan filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn żewġha;

2. Tilqa' it-tieni talba attriċi u tafda l-kura u kustodja ta' Q, S u R, aħwa B, f'idejn fl-attriċi;

3. Tilqa' limitatament it-tielet talba u dan fir-rigward tal-manteniment għal minuri, fejn il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) f'manteniment kull xahar għal kull wild, u kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar għal kull wild, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' mitejn u ħamsa u sebgħin ewro (€275) kull xahar għal kull minuri, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi, b'dana illi tali manteniment għandu jinqata' direttament minn kwalsiasi introjtu u jew benefiċċju li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għat-tlett itfal sakemm il-minuri jagħlqu l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri, jew min minhom, jagħżlu li jibqgħu jistudjaw fuq bażi full-time wara li jilħqu l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri, jew min minnhom, jagħlqu l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemmu l-istudji tagħhom, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F'każ li l-minuri, jew min minnhom, jagħżlu li jmorru jgħixu għal rashom wara li jagħlqu t-tmintax-il (18) sena, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilhom; il-Qorti tiċħad *rebus sic stantibus* dik il-parti tat-talba fir-

rigward tal-manteniment għall-attriċi, fejn din tal-aħħar xorta waħda mhux qiegħda titlef il-jedd tagħha li fil-futur titlob manteniment minn għand l-konvenut u dan f'każ ta' tibdil fiċ-ċirkostanzi li jikkonstrinġu lill-attriċi titlob lill-żewġha għajnuna finanzjarja permezz ta' manteniment;

4. Tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' din it-talba stante li din ġiet inkluża fil-likwidazzjoni tal-manteniment;

5. Tilqa' limitatament it-tlettax-il talba u dan billi tittermina, ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' '*Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali'*, filwaqt li tiċħad dik il-parti tat-talba għan-nomina ta' Nutar u kuratur;

6. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tas-sitt talba rigward id-dritt ta' residenza fid-dar bl-indirizz *'45, Jamican Sun, Triq il-Marlocc, Ħaż-Żabbar'* stante li d-dar in kwistjoni ġiet mibjugħa lil terzi fil-mori tal-kawża;

7. Tilqa' is-seba' talba attriċi u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

8. Tiċħad it-tmien talba fir-rigward tal-beni parafernali;

9. Tiċħad id-disa' talba dwar il-ħatra ta' kuratur;

10. Tilqa' l-għaxar talba u tawtorizza lill-attriċi sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha *'E'*;

11. Ai termini tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tagħti dawk il-provedimenti ulterjuri skont kif elenkat fit-taqsima numru ħamsa (5) ta' din is-sentenza;

12. Tiċħad il-ħdax-il talba;

13. Il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 935/2004, hija konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawza għandhom jitħallsu mill-konvenut.